

# IL-ĠRAJJIET EWLENIN IL-FONDAZZJONI EWROPEA GĦAT-TAĦRIĠ FL-2004

SHARING EXPERTISE IN TRAINING

**IL-FONDAZZJONI EWROPEA GĦAT-TAĦRIĠ**

HUWA Ċ-ĊENTRU SPEĊJALIZZAT TA' L-UNJONI EWROPEA LI JSOSTNI R-RIFORMA TA' L-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIG PROFESSJONALI FIL-PAJJIŻI TERZI FIL-KUNTEST TAL-PROGRAMMI TA' RELAZZJONIJIET ESTERNI TA' L-UE

KIF TIKKUNTATTJANA

Aktar informazzjoni dwar l-attivitajiet tagħna, sejħiet għall-offerti u opportunitajiet ta' xogħol jistgħu jinstabu fuq is-sijt tagħna: www.etf.eu.int

Għal kull informazzjoni addizzjonali jekk jogħġbok ikkuntattja:

External Communication Unit
European Training Foundation
Villa Gualino
Viale Settimio Severo 65
I - 10133 Torino
**E** info@etf.eu.int
**T** +39 011 630 2222
**F** +39 011 630 2200

# IL-ĠRAJJIET EWLENIN
# IL-FONDAZZJONI EWROPEA
# GĦAT-TAĦRIĠ FL-2004

Dan id-dokument huwa traduzzjoni. Jekk ikun hemm xi mistoqsijiet dwar l-eżatezza ta' l-informazzjoni li tinsab fih, jekk jogħġbok irreferi għall-verżjoni originali bl-Ingliż.

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea
hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz
tas-server Europa (http://europa.eu.int).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali
tal-Komunitajiet Ewropej, 2005

ISBN 92-9157-439-2

© Il-Komunitajiet Ewropej, 2005
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

*Printed in Belgium*

Ritratt: ETF/F. Decorato


etf
SHARING EXPERTIS
IN TRAINING
OBIE
Esam
sistem
paesi p
internazi
1995
Identificare
dovranno af
successivo al
sultivo dell'ETF è compo
sperti di formazione
dei paesi membri dell'Unione
i paesi partner (i partner
i, i Balcani occidentali, i Nuovi
ndenti e la Mongolia, i futuri
dell'Unione Europea), da
parti sociali e da membri di
e al suo Consiglio

# DAĦLA

Is-sena 2004 ser titniżżel fl-istorja bħala pass ferm importanti fil-proċess ta' l-integrazzjoni Ewropea. F'Mejju, l-Unjoni Ewropea tat merħba lil tmien pajjiżi mill-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant kif ukoll lill-gżejjer tal-Mediterran Malta u Ċipru wara aktar minn għaxar snin ta' tħejjijiet intensivi.

Għall-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ, l-2004 kien ifisser ukoll bidliet oħrajn fuq livell ferm prattiku. Kien hemm bidla fit-tmexxija meta Muriel Dunbar laħqet minflok Peter de Rooij, li kien mexxa lill-aġenzija għall-ewwel għaxar snin tagħha. Lejn tmiem is-sena 2004, Kummissjoni ġdida li tinkludi membri mill-pajjiżi li qabel kienu msieħba fl-ETF ħadet it-tmun f'idejha fi Brussell.

L-2004 kienet ukoll is-sena meta qafas politiku ġdid ta' l-UE għar-relazzjonijiet esterni beda jieħu sura. Il-Politika Ewropea tal-Viċinanza, flimkien ma' enfasi dejjem akbar fuq l-iżvilupp tar-riżorsi umani, ifissru rwol importanti għall-ETF.

Din il-pubblikazzjoni turi kif l-ETF irnexxielha timplimenta mingħajr telf ta' żmien l-implikazzjonijiet ta' dawn il-bidliet fil-ħidma tagħha fl-2004.

Madanakollu, ma tagħtix l-istampa sħiħa tal-ħidma għaqlija kollha ta' l-aġenzija. Hija pubblikazzjoni li tħares 'il quddiem billi turi kif l-isforzi li wasslu għas-suċċess tat-tkabbir ta' l-2004 u l-lezzjonijiet li tgħallimna minn dan il-proċess jistgħu jintużaw għal aktar żvilupp fl-Ewropa u fir-reġjuni ġirien tagħha.

L-Unjoni Ewropea m'hijiex xi komunità insulari. Hija għandha jkollha relazzjoni interattiva ma' pajjiżi li għandhom ikunu ċ-«ċirku ta' ħbieb» tagħha. Kemm jekk l-għan aħħari tal-kooperazzjoni huwa l-adeżjoni fil-futur ma' l-Unjoni Ewropea, u kemm jekk le, għandna interess kbir fl-iżvilupp soċjali, politiku u ekonomiku tal-pajjiżi ġirien tagħna. U billi l-iżvilupp tagħhom jiddependi ħafna fuq l-iżvilupp tar-riżorsi umani, aħna għandna r-responsabbiltà u l-interess li nkomplu nappoġġjaw it-titjib tas-sistemi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ bil-mezzi kollha li nistgħu noffru.

Fis-snin ta' qabel l-2004, il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ uriet biċ-ċar kif hija tista' tgħaqqad l-għarfien tal-15-il Stat Membru għall-benefiċċju ta' l-għaxar pajjiżi l-ġodda li ngħaqdu ma' l-Unjoni. Illum il-ġurnata hija tista' żżid l-esperjenza diretta

minn dawn il-pajjiżi mal-ġabra ta' riżorsi tagħha. Dan ipoġġi lill-ETF f'pożizzjoni aħjar minn qatt qabel biex tappoġġja l-għajnuna ta' l-UE għall-iżvilupp tar-riżorsi umani fil-pajjiżi ġirien ta' l-UE.

Ján Figel'

Kummissarju ta' l-UE għall-Edukazzjoni, Taħriġ, Kultura u Multilingwiżmu

Ritratt: ETF/B. Diewald



Ján Figel', Kummissarju ta' l-UE għall-Edukazzjoni, it-Taħriġ, il-Kultura u l-Multilingwiżmu

# INTRODUZZJONI




Ritratt: ETF/F. Decorato

Muriel Dunbar, Direttriċi tal-ETF

Wara li ħadt il-kariga ta' Direttriċi tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF) f'Lulju li għadda, jiena nħossni grata li għandi l-opportunità li nħares lura lejn il-ħidma tagħha matul l-2004. Din it-tip ta' riflessjoni dwar l-imgħoddi hija għodda siewja li tista' tgħinna nfasslu t-triq 'il quddiem. M'għandniex xi ngħidu, dan huwa partikolarment utli għal direttriċi ġdida.

F'dawn l-aħħar ftit snin rajna ħafna konfrontazzjoni u kunflitti, li xi wħud minnhom missu lir-reġjuni li fihom topera l-ETF. Il-ħidma tal-komunità internazzjonali biex tipprova terġa' sseddaq il-paċi u tibni mill-ġdid il-fibra soċjali tas-soċjetajiet imfarrka, madanakollu, tagħtina kuraġġ.

L-Unjoni Ewropea kienet protagonista f'din il-komunità, billi dejjem għenet lill-ġirien tagħha li jinsabu fil-qrib u dawk aktar imbiegħda biex jgħixu fis-sliem ma' xulxin u biex jiżviluppaw ekonomiji b'saħħithom u stabbli. Il-proċess jinkuraġġixxi l-paċi u l-istabbiltà, il-firxa ta' valuri demokratiċi, kif ukoll swieq ġodda għall-prodotti u s-servizzi. Dan jgħin biex jinħolqu aktar impjiegi u permezz taż-żieda ta'

opportunitajiet f'dawn il-pajjiżi, jgħin biex itaffi l-pressjoni tal-migrazzjoni u d-diżgwid soċjali.

Fl-2004, l-ETF kompliet tikkontribwixxi f'dan il-proċess, billi taħdem bħala istituzzjoni ta' l-UE spalla ma' spalla ma' l-Istati Membri ta' l-UE kif ukoll ma' atturi importanti oħrajn bħan-NU, il-Bank Dinji, u l-OECD. Permezz tal-ħidma tagħha fi ħdan il-qafas tal-politika ta' l-UE, l-ETF tat appoġġ lil kull wieħed mill-pajjiżi li huma sħab tagħha biex timxi lejn l-istabbiltà soċjali u ekonomika.

L-iżvilupp ta' suq tax-xogħol flessibbli, mibni fuq bażi ta' snajja' aġġornati, huwa fattur essenzjali f'dan il-progress. Permezz tal-ħila tagħha, kif ukoll il-ħiliet tal-25 Stat Membru u ta' aġenziji internazzjonali oħrajn, l-ETF kompliet tagħti pariri u gwida lil min ifassal il-politika sabiex tgħinhom jirrispondu għal din l-isfida.

Il-paġni li ġejjin juru xi ftit mill-ħidma tal-ETF matul is-sena li għaddiet u l-progress li sar f'dan il-rigward. L-ewwel parti tad-dokument tintroduċi l-isfond li fih taħdem l-ETF: l-Unjoni Ewropea – imkabbra b'għaxar Stati Membri ġodda li qabel kienu pajjiżi msieħba ma' l-ETF – f'ekonomija globali li teħtieġ aġġustament kostanti tal-provvista u d-domanda għas-snajja'. Dan l-aġġustament jista' jsir biss permezz ta' proċess ta' tagħlim kontinwu fuq skala li bħalha qatt ma rajna qabel.

Il-parti introduttorja hija segwita b'eżempji ta' attivitajiet ta' l-ETF fl-2004. Ir-rapporti dwar xogħol analitiku, l-eżerċizzji ta' rendikont, l-attivitajiet piloti, u l-involviment tagħna fil-programm Tempus jagħtu titwila lejn il-firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet tekniċi li jridu jiġu ffaċċjati fit-triq lejn it-tkabbir u l-istabbiltà soċjali u ta' l-ekonomija. Juru wkoll l-iskala ta' l-isfida li għandhom quddiemhom il-pajjiżi msieħba.

Ir-riżultati inkuraġġanti juru li l-għarfien u l-iżvilupp tas-snajja' jagħmlu differenza. Pemezz ta' ħidma intensiva fuq l-iżvilupp ta' l-aktar riżorsi prezzjużi li għandna – ir-riżorsi umani – qed isir progress lejn aktar stabbiltà u ġid mhux biss ġewwa l-UE, iżda fi ħdan viċinanza Ewropea li testendi sew lil hinn mill-fruntieri ta' l-Unjoni Ewropea.

Muriel Dunbar

Direttriċi, Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ



# SFOND POLITIKU LI QED JINBIDEL

## Ġirien tajbin

Fl-2004, l-Unjoni Ewropea rnexxielha tagħmel dak li ħadd ma kien joħlom sa biss 15-il sena qabel. Hija rnexxielha tfarrak il-qasma li kienet ilha tifred l-Ewropa għal nofs seklu. Pajjiżi li qabel kienu jiffurmaw parti mill-Blokk tal-Lvant saru membri sħaħ ta' l-Unjoni.

Minkejja din l-espansjoni, l-Ewropa xorta hija ikbar minn dak li jinsab fil-konfini tal-fruntieri ta' l-Unjoni Ewropea. F'ekonomija globali, l-Unjoni Ewropea ma tistax issostni lilha nnifisha f'iżolament. Fl-interessi ta' l-iżvilupp ta' l-istabbiltà u l-prosperità, huwa essenzjali li jkollha ġirien tajbin. L-UE għaldaqstant tinsab il-ħin kollu għaddejja fi djalogu u interazzjoni ma' grupp ta' pajjiżi ġirien li huma kulturalment diversi ħafna.

L-UE kellha, u ser tkompli jkollha, rwol ċentrali fl-appoġġ internazzjonali għal riforma politika u ekonomika u l-iżvilupp ta' stabbiltà akbar fil-**Balkani tal-Punent.** Għad fadal ħafna xi jsir f'dan ir-reġjun iżda kien hemm trasformazzjoni fil-qagħda matul dawn l-aħħar ftit snin. Is-sistemi demokratiċi żviluppaw b'mod konsiderevoli u l-pajjiżi kollha kuma impenjati li jersqu aktar qrib ta' l-Unjoni Ewropea. L-UE hija bil-kbir l-akbar donatriċi ta' għajnuna li qed taħdem fil-Balkani tal-Punent.

L-UE hija partikolarment imħassba dwar il-**Mediterran,** li ma jmurx isir linja ta' qasma ġeo-strateġika bejn ekonomiji b'saħħithom u inqas b'saħħithom u sistemi soċjo-politiċi differenti. Il-mexxejja Ewropej iridu japprofondixxu d-djalogu u jiżviluppaw sħubija politika u ekonomika ma' pajjiżi ta' l-Afrika ta' Fuq, il-Lvant Nofsani li jinsab fil-qrib u lil hinn. Is-Sħubija Euromed għandha l-għan li toħloq żona ta' paċi u stabbiltà bbażata fuq valuri komuni u biex jinbena



Ritratt: Librerija tar-Ritratti ta' l-Unjoni Ewropea

It-tkabbir ta' l-UE f'Mejju 2004 ġab bidliet u sfidi ġodda.

Photo: ETF/F. Decorato

## Ċirku ta' ħbieb

Il-Politika Ewropea tal-Viċinanza (PEV fil-qasir) hija l-konsegwenza politika diretta tax-xewqa tal-Kummissjoni preċedenti li tagħti appoġġ attiv lil dak li l-ex President tal-Kummissjoni Ewropea Romano Prodi kien sejjaħ «ċirku ta' ħbieb» madwar l-Unjoni Ewropa. L-għanijiet tagħha ser jirregolaw il-kooperazzjoni mal-pajjiżi kollha li huma msieħba mal-ETF ħlief għal dawk li għandhom prospettivi ta' adeżjoni, il-Federazzjoni Russa u l-Ażja Ċentrali, filwaqt li jinkludi l-pajjiżi tal-Kawkasus.

L-għanijiet tagħha huma:

- li taqsam il-benefiċċji tat-tkabbir minnflok ma jinħolqu linji ta' diviżjoni ġodda ġewwa u madwar l-Ewropa;
- li tinġieb 'il quddiem il-governanza tajba u r-riforma;
- li jinħoloq l-hekk imsejjaħ «ċirku ta' ħbieb» – żona ta' paċi, stabbiltà u prosperità mibnija fuq valuri u interessi komuni.

Huwa importanti li wieħed jinnota li t-tkabbir ulterjuri ta' l-UE m'huwiex wieħed mill-għanijiet tal-PEV. Barra minn hekk, il-PEV ma tiħux post l-arranġamenti legali u istituzzjonali eżistenti, bħall-ftehim ta' assoċazzjoni u strutturi bħall-Proċess ta' Barċellona.

reġjun ta' prosperità reċiproka permezz ta' żona ta' kummerċ ħieles u suq waħdieni mal-pajjiżi tal-Mediterran.

L-Unjoni Ewropea mkabbra trid tkompli wkoll tagħti attenzjoni lir-relazzjoni strateġika tagħha mal-pajjiżi ex-Sovjetiċi ta' l-**Ewropa tal-Lvant u ta' l-Ażja Ċentrali.** Huwa fl-interess ta' kullħadd li nagħmlu minn kollox sabiex ma tiżviluppax linja ta' qasma ġdida fl-Ewropa. L-UE tħeġġeġ il-bidla ekonomika u politika f'din il-parti tad-dinja permezz tal-Programm Tacis. Dan jipprovdi appoġġ għar-riforma istituzzjonali u amministrattiva, is-settur privat u t-tnaqqis tal-faqar u kienet effettiva fit-tnaqqis ta' ħafna mit-tensjonijiet u l-anzjetajiet ta' l-imgħoddi.

Dawn il-programmi għal reġjunijiet speċifiċi huma strumenti importanti fil-Politika Ewropea tal-Viċinanza, li bdiet fl-2004 u li għandha l-għan li taqsam il-benefiċċji tat-tkabbir riċenti ta' l-UE ma' għadd ta' pajjiżi li issa għandhom fruntieri ma' l-UE. (Ara t-test fil-kaxxa.) L-objettiv politiku huwa pjuttost sempliċi: ċirku ta' pajjiżi li jaqsmu valuri komuni u li għandhom l-għan li jiżviluppaw relazzjoni mill-qrib. Dan ser isaħħaħ l-istabbiltà, is-sigurtà u l-benesseri għall-partijiet kollha involuti u jevita li jiżviluppaw linji ġodda ta' diviżjoni bejn l-UE mkabbra u l-ġirien tagħha.

Sa l-2006, l-appoġġ finanzjarju għall-pajjiżi kkonċernati ser ikompli jingħata permezz tal-programmi MEDA u Tacis, iżda fil-Perspettiva Finanzjarja 2007-2013 it-tnejn ser jiġu mibdula bi Strument Ewropew ta' Viċinanza u Sħubija (SEVS) wieħed li ser ikun ferm aktar sempliċi. Huwa mbassar li ser ikun hemm parteċipazzjoni fil-programmi regolari tal-Komunità, għalkemm, b'mod importanti għall-VET, għalissa mhux permezz tal-programm Leonardo da Vinci.

Il-mod preċiż kif ser jiġu implimentati l-appoġġ u l-kooperazzjoni wara l-2007 għadu ma ġiex deċiż. Huwa għalhekk li Karl Fredrik Svedang tad-DĠ Relazzjonijiet Esterni sarulu daqstant mistoqsijiet meta ppreżenta l-PEV fil-laqgħat tal-Forum ta' Konsulenza reġjonali tal-ETF f'Turin f'Novembru ta' l-2004. It-tweġiba tiegħu għall-mistoqsija 'Kemm nistgħu naslu 'l bogħod?' kienet: «Dik hija kwistjoni ta' rieda politika.»



Ritratt: Librerija tar-Ritratti ta' l-Unjoni Ewropea

Il-ħolqien ta'«ċirku ta' ħbieb» madwar l-Unjoni Ewropea huwa wieħed mill-għanijiet tal-Politika Ewropea ta' Viċinanza.

## Inwittu t-triq

Kif jistgħu l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent jitgħallmu bl-aħjar mod mill-esperjenza ta' adeżjoni ta' l-UE? Din kienet waħda mid-domandi ewlenin li saru lid-delegati fil-laqgħa ta' l-għaxar anniversarju tal-Forum ta' Konsulenza tal-ETF li sar f'Dürres, l-Albanija fil-21 u t-22 ta' Ġunju 2004. Il-lista ta' firxa wiesgħa ta' tweġibiet kienet tinkludi: li niċċaraw eżattament x'tagħlim politiku ħareġ mill-pajjiżi kandidati, li jkollna aktar laqgħat reġjonali, li nżidu ż-żjarat ta' studju jekk iċ-ċirkostanzi jkunu adattati u nħeġġu lill-pajjiżi fir-reġjun biex jieħdu kontroll tar-relazzjonijiet tagħhom ma' l-Istati Membri ta' l-UE.

Il-laqgħa pprovdiet bosta opportunitajiet stimulanti għall-parteċipanti biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' attivitajiet fir-reġjun. Biex induru għall-każ speċifiku ta' riforma tal-VET fl-Albanija, id-delegati tgħallmu li 16 % ta' l-istudenti biss huma reġistrati fi skejjel vokazzjonali, billi s-sistema ma tissodisfax il-ħtiġijiet ta' l-industrija. Il-pessimiżmu inbidel f'ottimiżmu f'dawn l-aħħar 18-il xahar, madanakollu, minħabba involviment akbar ta' l-imsieħba soċjali u żieda fin-numru ta' studenti.

Żjara fi skola vokazzjonali lokali kkonfermat l-ottimiżmu l-ġdid. Fondazzjoni internazzjonali kienet għenet lill-personal lokali li huwa ferm impenjat biex jittrasforma din l-iskola mfarrka f'istituzzjoni attiva ta' taħriġ li tipprovdi korsijiet dwar it-tiswija tal-karrozzi u l-plaming. Din l-iskola hija eżempju stimulanti kemm ta' kooperazzjoni internazzjonali kif ukoll tal-konnessjoni importanti bejn dawk li jipprovdu t-taħriġ u s-suq tax-xogħol, qal Peter de Rooij, li waqt li kien f'Dürres, daħal fl-aħħar ġimgħa tiegħu bħala direttur ta' l-ETF.

Fil-kuntest ta' l-espansjoni riċenti ta' l-UE u l-potenzjal li tiġi applikata l-esperjenza akkwistata fir-riformi tal-VET minn Stati Membi ġodda għal pajjiżi kandidati, il-parteċipanti rrevedew il-progress fl-2004 u mbagħad inqasmu f'*workshops* biex jgħinu sabiex isawru l-Programm ta' Ħidma tal-ETF għall-2005.

Il-laqgħa għalqet billi d-delegati taw l-appoġġ sħiħ tagħhom għax-Xogħol ta' Ħidma tal-ETF għall-2005. Is-suġġerimenti u l-ideat mil-laqgħa tal-Forum ta' Konsulenza ġew mgħoddija lil-laqgħa tal-Bord Governattiv tad-9 ta' Novembru 2004 f'Turin għall-approvazzjoni finali.




Ritratt: ETF/A. Martin

L-iżviluppi fil-VET fil-Balkani tal-Punent kienu l-mira tal-Forum ta' Konsulenza li sar f'Dürres, l-Albanija, f'Ġunju 2004.



## IL-ĦIDMA TAGĦNA FL-2004

Fl-1 ta' Mejju, il-logħob tan-nar u ċ-ċelebrazzjonijiet taw bidu għall-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea ta' għaxar pajjiżi li kienu msieħba magħna. Fl-għaxar snin ta' qabel, konna ħdimna ma' eluf ta' persuni f'dawn il-pajjiżi biex inħejju lill-professjonisti tat-taħriġ, is-sistemi u l-linji politiċi tagħhom għall-kooperazzjoni Ewropea fi sħubija ugwali. Aħna applikajna l-ħila ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea għar-reġjun, żviluppajna u implimentajna attivitajiet piloti, tajna appoġġ għall-iżvilupp ta' edukazzjoni ogħla permezz tal-programm Tempus, u stabbilixxejna netwerks biex ngħinu ċ-ċirkolazzjoni ta' informazzjoni relatata mas-suq tax-xogħol u t-taħriġ. Għalina, l-adeżjoni ta' l-għaxar Stati Membri l-ġodda kienet it-tmiem ta' proċess twil ta' ħolqien ta' kuntatti bejn in-nies, tmexxija tar-riforma, li niffaċilitaw it-tpartit ta' għarfien u l-iżvilupp tal-kapaċità tagħhom li jifhmu l-proċessi, il-linji politiċi u l-istituzzjonijiet Ewropej.

Billi t-tkabbir ekonomiku kien superjuri għal dak ta' l-Istati Membri l-'qodma' u billi l-indikaturi ta' l-edukazzjoni juru potenzjal ta' żvilupp adegwat tar-riżorsi umani fuq medda ta' żmien twil, f'Mejju 2004 kien hemm prospetti ferm pożittivi ta' integrazzjoni mingħajr skossi fl-Unjoni Ewropea.

Ritratt: Librerija tar-Ritratti ta' l-Unjoni Ewropea




L-2004 immarkat sena ta' bidla u żvilupp għall-Ewropa u l-ETF.

Photo: ETF



Ritratt: ETF

It-tagħlim minn eżempji ta' suċċess f'pajjiżi oħrajn huwa wieħed mill-prinċipji ewlenin ta' l-ETF.

## Eżempju minn dak iż-żmien, u eżempju t'issa

Il-Litwanja toffri eżempju klassiku ta' l-impatt tal-ħidma tal-ETF fuq ir-riforma tal-VET fl-Istati Membri l-ġodda. L-Osservatorju Nazzjonali Litwan, li jaħdem fi ħdan il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, malajr żviluppa f'għajn ta' ideat innovattivi dwar ir-riforma tal-VET. Sa mill-aħħar tas-snin disgħin, il-Ministeru kien diġà qed jagħti kontribut lill-finanzjament bażiku tiegħu u l-uffiċċju sar il-laboratorju tal-pajjiż għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol f'dak li għandu x'jaqsam ma' analiżi, stħarriġ settorjali u reġjonali u attivitajiet piloti.

Fi proġett li kellu l-appoġġ ta' l-awtoritajiet Finlandiżi, l-ETF għenet biex tiżviluppa ċentru ta' taħriġ reġjonali f'Marijampole. Iċ-ċentru kien sħubija bejn seba' istituzzjonijiet ta' taħriġ eżistenti fir-reġjun li żied b'mod drammatiku l-effiċejnza tagħhom billi għaqqad ċentri tal-maniġment, ta' l-iżvilupp ta' *curricula* u tar-riżorsi ma' materjali ta' tagħlim. Id-dispożizzjonijiet legali li ddaħħlu fis-seħħ qabel il-bidu tal-proġett assiguraw is-sostenibbiltà tiegħu u fi żmien ftit snin dan il-mudell ta' suċċess kien qed jintuża fil-pajjiż kollu.

Il-Litwani, li issa huma membri ta' l-Unjoni Ewropea, laqgħu grupp ta' kollegi minn Kyrgyz fl-2004 biex jaqsmu l-esperjenza tagħhom dwar ir-riforma b'suċċess tal-VET. Fil-Litwanja llum, dik li qabel kienet l-Unità ta' Riforma VET tal-Phare issa saret l-Unità ta' Ġestjoni tal-Fond Soċjali Ewropew, waqt li l-Osservatorju Nazzjonali issa huwa kostitwent taċ-Ċentru Metodoloġiku tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni Litwan.

It-tħejjija tas-sistemi ta' edukazzjoni u tat-taħriġ u s-swieq tax-xogħol ta' l-għaxar pajjiżi l-ġodda għall-adeżjoni fl-UE kienet operazzjoni massiva. Fil-proċess, aħna ġbarna rikkezza ta' informazzjoni dwar il-progress fir-riformi, l-attivitajiet u l-istrutturi tal-partijiet involuti. Il-kooperazzjoni mill-qrib ma' l-aġenzija affiljata tagħna, iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), matul il-ġirja lejn l-adeżjoni, għenet biex tiżgura li ebda minn dawn ir-riżorsi ma nħlew bla bżonn. Aħna qassamna dokumenti dwar il-pajjiżi mal-pubblikazzjonijiet ewlenin kollha u '*who's who*' dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali f'kull pajjiż. Aħna għenna lill-Osservatorji Nazzjonali tagħna biex iħejju għal parteċipazzjoni fin-Netwerk ta' Referenza u Għarfien Espert tas-Cedefop (ReferNET) u għenna lill-partijiet involuti fl-Istati Membri l-ġodda biex iħejju għal parteċipazzjoni f'netwerks oħrajn tas-Cedefop.




Ritratt: ETF/Erik Luntang

Peter de Rooij jagħti informazzjoni lill-organizzazzjoni affiljata ma' l-ETF, iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop).

## Ħjiel importanti

Ritratt: ETF/A. Ramella

Il-grad ta' suċċess tat-tkabbir preżenti ta' l-UE ser ikollu implikazzjonijiet sinifikattiv għall-ħidma tal-ETF. «L-ewwel stadju tat-tkabbir ser jipprovdi ħjiel importanti dwar kif għandna nipproċedu fl-appoġġ ta' l-UE għall-iżvilupp tar-riżorsi umani f'dawk il-pajjiżi li fil-ġejjieni ser isiru wkoll Stati Membri ta' l-UE,» qal l-ex Direttur ta' l-ETF Peter de Rooij f'Mejju 2004. «Aħna ħdimna bis-sod biex ngħinu lill-pajjiżi l-ġodda iħejju għall-adeżjoni, iżda kien biss wara s-summit ta' Liżbona li l-edukazzjoni vokazzjonali u l-iżvilupp tat-taħriġ bdew jingħataw l-importanza mistħoqqa fl-aġendi ta' politika Ewropea. Issa hemm qbil ġenerali dwar l-importanza li jiġu adattati l-edukazzjoni u t-taħriġ għall-ħtiġijiet ta' soċjetà bbażata fuq l-għarfien. Hemm ukoll ftehim iddettaljat dwar iż-żieda tal-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali li ngħata bidu f'Kopenħagen fl-2002. B'riżultat ta' dan, illum għandna opportunità eċċellenti li nħejju dejjem aħjar lill-Istati Membri tal-futur għall-adeżjoni.»

«L-isfida ewlenija għall-ETF fis-snin li ġejjin ser tkun li nantiċipaw direzzjonijiet ġodda fil-politika ta' l-UE,» qal Peter de Rooij. «L-UE qed tirrifletti fuq il-limitazzjonijiet fiżiċi tagħha. L-UE tal-ġejjieni aktarx ser tinkludi l-Balkani u l-pajjiżi li daħlu issa iżda mhux probabbli li l-espansjoni ser tkompli wisq wara dan. Għaldaqstant, il-politika ta' viċinanza ta' l-UE mhux ser tkun biss xi fażi temporanja. Din il-politika ser tkun differenti minn dik li kienet meta l-membri l-ġodda kienu l-mira ewlenija ta' l-appoġġ u l-għan finali kien l-adeżjoni. Il-politika l-ġdida ser tkun biex tgħin lill-pajjiżi fir-'reġjun ta' l-Ewropa aktar wiesgħa' ikollhom aktar prosperità u stabbiltà, mingħajr l-għan aħħari li jsiru parti mill-UE. Għalhekk l-ETF trid tuża l-esperjenza kollha li aħna bnejna bl-ewwel mewġa ta' pajjiżi ġodda biex nippreparaw għal li jmiss, waqt li mbagħad nużaw dak li nistgħu nieħdu minnu għall-iżvilupp ta' żona ta' ġirien tajbin.»



Peter de Rooij,
Direttur tal-ETF 1994-2004

Is-suċċessur ta' Peter de Rooij, Muriel Dunbar, hija wkoll pożittiva dwar il-futur ta' l-ETF fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinanza l-ġdida: «Jekk tħares lejn il-VET bħala mezz għall-iżvilupp ekonomiku, l-ETF għandha mandat eċitanti u li joħloq sfida interessanti,» hija qalet f'intervista riċenti. «Huwa kruċjali għall-Unjoni Ewropea li taħdem għall-iżvilupp ta' ekonomiji b'saħħithom fil-viċinanzi tagħha, kemm għall-iżvilupp ta' swieq ġodda għall-prodotti u s-servizzi kif ukoll għall-ġestjoni ta' l-impjieg sostenibbli. Żona ta' lqugħ b'saħħitha u għanja madwar l-Unjoni Ewropea tnaqqas il-pressjoni ta' problemi ta' migrazzjoni u turbulenzi soċjali.»



Ritratt: ETF/A. Ramella

Riċeviment festiv f'Villa Gualino f'Ġunju ta' l-2004 immarka għaxar snin ta' tagħlim ta' l-ETF.

## L-ETF tagħlaq għaxar snin

F'Ġunju ta' l-2004, iċċelebrajna l-għaxar anniversarju tagħna b'riċeviment f'Villa Gualino, id-dar ta' l- ETF f'Turin. Ir-riċeviment immarka wkoll it-tluq ta' Peter de Rooij, Direttur ta' l-ETF għall-ewwel għaxar snin tagħha, u l-introduzzjoni tas-suċċessur tiegħu, Muriel Dunbar.

Inħarġet pubblikazzjoni dwar l-ewwel għaxar snin ta' l-aġenzija bl-isem *Ten Years of the ETF*. Id-dokument jagħti rendikont vivaċi ta' għaxar snin ta' progress konsiderevoli permezz ta' tagħlim prattiku mill-esplorazzjoni ta' oqsma ġodda. Ħafna mill-istejjer ippubblikati huma kif ġew irrakkontati min-nies b'esperjenza diretta.

## L-iżvilupp ta' kompetenzi speċjali

Fl-2004, bħala parti minn eżerċizzju ta' evalwazzjoni, għamilna inventarju ta' l-attivitajiet kollha tagħna u ppruvajna nsibu denominaturi komuni. Waħda mill-affarijiet li l-aktar laqtet l-għajn kienet li, fuq livell internazzjonali, l-appoġġ għall-iżvilupp ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ jidher li sar inqas ibbażat fuq l-esperti u aktar mibni fuq id-djalogu. Illum il-ġurnata, l-għarfien u l-ħila qed jiġu maqsuma u żviluppati ma' pajjiżi msieħba, minflok ma jiġu disseminati. Fi kliem sempliċi: tipikament m'għadniex insaqsu lil konsulent biex jikteb rapport dwar xi kwistjoni partikolari iżda qed nippruvaw dejjem aktar niġbru n-nies tagħna madwar mejda. Ix-xogħol tagħna jiddependi aktar fuq id-djalogu u l-kummenti li nirċievu u dan japplika kemm għall-iżvilupp organizzattiv tagħna kif ukoll għall-attivitajiet esterni.

Ix-xogħol analitiku tagħna fuq temi ċentrali ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali qabel kien iseħħ fl-hekk imsejħa 'gruppi ta' fokus' u laqgħat speċifiċi ta' esperti. Wara li kkunsidrajna l-implikazzjonijiet ta' l-inventarju, sibna li kellna bżonn nallinjaw ix-xogħol tematiku tagħna aktar mill-qrib ma' l-attivitajiet ta' proġetti u li kellna bżonn nagħmlu dan permezz ta' aktar djalogu fi ħdan l-ETF. Lejn it-tmiem ta' l-2004, l-attivitajiet tagħna ta' żvilupp ta' kompetenzi speċjali ġew konfigurati mill-ġdid f'qafas ġdid li ser joffri firxa aktar wiesgħa ta' strumenti għall-iżvilupp tal-kompetenzi speċjali fl-organizzazzjoni kollha. B'dan il-mod nittamaw li ngħaqqdu t-tagħlim organizzattiv u l-iżvilupp individwali b'mod aktar integrat.

L-inventarju wera wkoll li l-ETF setgħet tuża t-teknoloġija aħjar. B'riżultat ta' dan, fl-2005 ser nippruvaw nestendu x-xogħol tematiku tagħna f'komunitajiet *online* ta' pariri tekniċi. Eżempju

## Tagħlim elettroniku mill-pajjiżi msieħba tagħna

Il-qsim tal-ħila esperta m'huwiex proċess f'direzzjoni waħda biss – mill-UE għall-pajjiżi l-imsieħba. Eżempju tajjeb ħafna ta' dan huwa l-kooperazzjoni ta' l-ETF ma' l-Iżrael fir-rigward tat-tagħlim elettroniku.

Fl-2004 ġie ppubblikat rapport ta' rendikont li kellu l-għeruq tiegħu f'deċiżjoni li ttieħdet fl-2001 biex tiżdied il-kooperazzjoni ma' l-Iżrael fil-qasam tat-tagħlim elettroniku.

Ir-rapport jiddeskrivi kif l-Iżrael uża soluzzjonijiet interessanti u innovattivi għall-problema universali li jitnaqqas id-distakk diġitali, b'mod partikolari meta dan id-distakk ikun jinsab bejn ġenerazzjonijiet differenti.

Lejn l-aħħar tas-snin 90 fl-Iżrael, għadd ta' kompjuters u konnessjonijiet għall-Internet ġew imqassma lil eluf ta' familji. Oriġinarjament il-pajjiż kellu l-pjan li jqassam 30,000 kompjuter b'dan il-mod iżda evalwazzjoni li saret wara li kienu tqassmu l-ewwel 10,000 uriet illi, għalkemm kienet intgħażlet l-udjenza t-tajba u dawn il-kompjuters kienu qed jintużaw, it-tfal mhux neċessarjament kienu l-grupp li l-aktar kellhom bżonn jiġu konvinti dwar il-benefiċċji li jkollok kompjuter.

Parti mill-attivitajiet ta' l-inizjattiva mbagħad ġew indirizzati lejn iċ-ċittadini aktar avvanzati fl-età. Ġie żviluppat programm ta' konnessjoni għal diversi ġenerazzjonijiet li permezz tiegħu l-istudenti żgħażagħ ġew mistoqsija jagħtu taħriġ liċ-ċittadini anzjani.

Eżempji bħal dawn u l-lezzjonijiet li ttieħdu minnhom jistgħu jintużaw ġewwa l-UE, kif ukoll fil-pajjiżi msieħba. Il-kollaborazzjoni ma' l-Iżrael taħdem f'żewġ direzzjonijiet: il-konklużjonijiet tar-rapport ta' rendikont qed jintużaw fl-Iżrael għal attivitajiet ta' *follow-up*, bħal fil-qasam tat-taħriġ ta' għalliema u professjonisti tat-taħriġ. L-ETF ser tgħaddi l-prassi tajbin u l-konklużonijiet ġenerali mir-rapport lill-programm ġdid MEDA-ETE.

Ritratt: ILO/J. Maillard



L-adulti huma s-suġġett ewlieni ta' l-inizjattivi reċenti tat-tagħlim elettroniku.

klassiku tat-tagħlim organizzattiv kien fil-fatt il-proġett tat-tagħlim elettroniku (ara t-test fil-kaxxa) li poġġiena fuq din it-triq.

Matul iż-żmien, it-temi u l-attivitajiet analitiċi relatati ser ifasslu l-aġenda għal xogħol prattiku, studji dwar pajjiżi u proġetti pilota. Il-proġetti implimentati fl-2004 kienu aktar ibbażati fuq temi li kienu fiċ-ċentru ta' l-attenzjoni fis-snin preċedenti. Dawn żviluppaw b'mod naturali mill-attivitajiet tagħna fl-2003 u huma spjegati fil-qosor hawn isfel.

## Is-suq tax-xogħol informali

Għal bosta snin, l-ekonomija 'informali' kienet titqies li xxaqleb lejn attivitajiet kriminali u għaldaqstant kienet fil-biċċa l-kbira tiġi injorata. Għall-organizzazzjonijiet donaturi tal-punent spiss kien ikun diffiċli li jiġġustifikaw l-infiq ta' fondi skarsi f'dan il-qasam. Riċentament, madanakollu, is-sinifikat ta' l-ekonomija informali barra l-Ewropa tal-Punent ġiet evalwata mill-ġdid.

B'konsegwenza ta' dan, xi donaturi internazzjonali issa jirrealizzaw illi jagħmel sens li nagħtu attenzjoni lill-ħtiġiet ta' snajja' tan-nies li jaħdmu fis-settur informali. Il-maġġoranza kbira ta' dawn il-persuni huma ħaddiema *bona fide* iżda spiss ikollhom snajja' limitati u status soċjali baxx. Dan spiss iwassal għal qgħad kbir u fuq medda ta' żmien twil. Bħala eżempju ta' kemm hi kbira din il-kwistjoni, f'xi pajjiżi ta' l-Ażja Ċentrali, is-suq tax-xogħol formali tant hu sottożviluppat li s-settur informali jimpjega sa 50 % tal-popolazzjoni attiva.

Il-gvernijiet issa bdew jintebħu li m'huwiex realistiku li jitneħħa għal kollox is-settur informali u li hija meħtieġa aktar riċerka dwar kif in-nies fis-settur informali jitgħallmu s-snajja'. Dawk li jfasslu l-politika fl-Unjoni Ewropea wkoll urew rieda simili biex ibiddlu l-mod kif jaħsbu. Il-Programm Tacis, per eżempju, issa beda jiffoka aktar fuq l-impatt tas-settur informali fuq it-tranżizzjoni ekonomika, it-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp ekonomiku u soċjali lokali.

Billi l-ETF bdiet tirriċerka r-rwol tat-taħriġ biex tgħin lin-nies joħorġu mis-settur informali, il-ħila żviluppata f'dan il-qasam ġiet applikata għal attivitajiet ta' proġetti fuq firxa wiesgħa. Fl-2004, l-Albanija intgħażlet għal stħarriġ dwar l-ekonomija informali u t-taħriġ. Id-Dipartiment ta' l-ETF għat-Tkabbir u għan-Nofsinhar ta' l-Ewropa beda l-istudju f'Settembru u r-riżultati ta' l-istħarriġ huma mistennija fit-tieni kwart ta' l-2005.





Ritratt: ETF

Mod kif nistgħu ngħinu fil-ġieda kontra r-rati ta' faqar lokali huwa billi ngħinu lin-nies isibu x-xogħol.

## L-iżvilupp lokali u t-tnaqqis tal-faqar

Fl-Ażja Ċentrali, l-ETF qed tmexxi proġett ta' tliet snin biex tidentifika r-rwol ta' l-inizjattivi lokali ta' taħriġ sabiex jitnaqqas il-faqar. Il-proġett inizjalment kien qed jitmexxa fil-Każakstan, il-Kirgistan u l-Użbekistan, bil-ġabra ta' inventarji ta' attivitajiet ta' taħriġ lokali privati u pubbliċi. Fl-2004, is-sejbiet ta' dawn l-eżerċizzji ta' rendikont ġew komunikati lil udjenza aktar wiesgħa u l-proġett ġie estiż sabiex jinkludi l-pajjiżi tal-Kawkasus u t-Taġikistan. Huma d-Delegazzjonijiet tal-KE li jużaw ir-rapporti l-aktar, u li lkoll għandhom fost il-prijoritajiet tagħhom it-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp lokali.

Il-proġett ta ħarsa ġenerali lejn l-attività ta' taħriġ preżenti, iżda l-iskop tiegħu jmur lil hinn minn sempliċement rendikont. Wieħed mir-riżultati kunċettwali tal-proġett hu, per eżempju, qafas għall-iżvilupp lokali, li l-ETF issa qed tiżviluppa. Dan ser jiġi żviluppat biex jintuża f'pajjiżi oħrajn li jipparteċipaw waqt li l-imsieħba mill-Każakstan, il-Kirgistan u l-Użbekistan għandhom ir-rwol li jagħtu l-ideat fil-proġett estiż.

Il-ħila esperta żviluppata f'dan il-qasam, kemm fi ħdan l-ETF kif ukoll fi ħdan l-Unjoni Ewropea kollha, ser tintuża dejjem aktar f'xogħol ta' proġetti fis-snin li ġejjin. L-iżvilupp lokali u b'mod partikolari l-impatt ta' benefiċċju ta' l-isħubijiet lokali hija tema ewlenija kemm fi ħdan l-UE kif ukoll fil-ħidma tagħna ma' pajjiżi msieħbin. L-isħubijiet lokali kienu element ċentrali fil-ħidma tagħna fil-Balkani tal-Punent u fir-reġjun tal-Mediterran ukoll. (Ara t-test fil-kaxxa.) L-esperjenza li nieħdu minn reġjuni differenti tintuża fl-organizzazzjoni ta' l-attivitajiet tagħna kollha.

Foto: Fotoarchiv der Europäischen Union



Il-kollaborazzjoni mill-qrib bejn esperti, donaturi u aġenziji ta' implimentazzjoni hija inevitabbli jekk irridu li l-programmi ta' edukazzjoni jaħdmu.

## Kooperazzjoni bejn donaturi

Il-kooperazzjoni ma' donaturi oħrajn żdiedet fl-2004. B'mod partikolari, ix-xogħol konġunt mal-Bank Dinji mar lil hinn mill-fruntieri ġeografiċi tas-soltu ta' l-ETF. Kien hemm, per eżempju, kooperazzjoni mill-qrib fil-Jemen, fejn fl-2002 kienu diġà saru l-profili tas-setturi. Qafas ta' strateġija ta' taħriġ żviluppat b'mod konġunt ġie abbozzat, diskuss u adottat fl-2004.

Il-kooperazzjoni qed titbiegħed dejjem aktar mill-iskambju prattiku ta' esperjenza u l-organizzazzjoni konġunta ta' konferenzi, seminars u *workshops,* u tersaq lejn riċerka bażika dwar temi ewlenin dwar l-iżvilupp tar-riżorsi umani. Bil-għan li jsibu aktar lok komuni għal kollaborazzjoni fil-ġejjieni, fl-2004 l-ETF u l-Bank Dinji għażlu ħames suġġetti li ż-żewġ partijiet dehrilhom li huma kruċjali għall-iżvilupp tat-taħriġ fil-pajjiżi msieħba Mediterranji. Dawn kienu r-regolamentazzjoni, il-finanzjament, ir-rwol ta' l-imsieħba soċjali, il-kwalità u s-snajja' għas-settur informali. Il-pajjiżi li fuqhom jiffoka dan l-eżerċizzju huma t-Tuneżija, il-Ġordan, l-Eġittu u l-Lebanon.

Ix-xogħol li nbeda fir-rigward ta' dawn is-suġġetti kien jinkludi l-ġabra ta' studji dwar dan il-qasam minn gruppi mħallta ta' bejn għaxar u tnax-il espert. Il-mandat tagħhom kien li jieħdu rendikont ta' l-attivitajiet, filwaqt li jħarsu wkoll 'il quddiem lejn pjanijiet, opportunitajiet u ħtiġijiet ġodda. Ir-rapport finali, li għandu jiġi ppubblikat fl-2005, ser ikun rapport reġjonali li jkopri l-ħames temi u b'erba' annessi tal-pajjiżi.

L-eżerċizzju ħoloq għarfien ħafna aħjar ta' xi wħud mill-kwistjonijiet l-aktar jaħarqu fit-taħriġ vokazzjonali fl-Afrika ta' Fuq u l-Lvant Nofsani. Wassal ukoll għal aktar għarfien dwar kif jaħdmu d-donaturi differenti. Għall-ETF, l-utilità tar-rapport ser ikun il-mod kif jiffoka fuq il-finanzjament u l-livell ta' analiżi tiegħu. L-eżerċizzju ġie ffinanzjat mill-ETF u l-Bank Dinji b'finanzjament ulterjuri mid-Dipartiment tar-Renju Unit għall-Iżvilupp Internazzjonali.

## Nidentifikaw il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet

L-iżvilupp tal-ħila esperta m'huwiex biss kwistjoni ta' kif inżidu l-mod kif nifhmu t-taħriġ fid-dettalji kollha tiegħu u r-relazzjoni tiegħu ma' l-iżvilupp tas-suq tax-xogħol. L-iżvilupp tal-ħila esperta huwa meħtieġ ukoll fir-rigward ta' pajjiżi li s'issa ftit ġew esplorati f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-iżvilupp ta' kooperazzjoni ta' l-UE. Pajjiż wieħed li għalih l-UE riċentament fetħet linji ġodda ta' appoġġ huwa t-Taġikistan. Bl-għajnuna tal-ETF, l-iżvilupp

## It-Taġikistan – immorru lil hinn minn sempliċiment sopravivenza

Sitt snin wara li l-ftehim ta' paċi ġab fit-tmiem il-gwerra ċivili qalila, il-pjanijiet għal riformi kbar fit-taħriġ, li huma meqjusa bħala kruċjali għall-irkupru ekonomiku tal-pajjiżi, issa jinsabu fi stadju avvanzat. Ġie imfassal qafas kunċettwali għar-riforma u d-diċentralizzazzjoni tas-sistema ta' taħriġ vokazzjonali ta' dan il-pajjiżi bil-muntanji fl-Ażja Ċentrali, bl-għajnuna tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ, waqt li fl-2005 ser jibda proġett Tacis biex jgħin fl-abbozzar ta' liġijiet ġodda.

Enrico Romiti, espert ta' esperjenza dwar il-proġett ta' riforma tat-taħriġ vokazzjonali Tacis, jgħid li l-importanza tar-riforma fit-taħriġ għall-irkupru ta' wara l-gwerra tal-pajjiż m'għandhiex tiġi sottovalutata. «Dan huwa l-ewwel proġett Tacis fit-Taġikistan li ma jindirizzax biss kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-sopravivenza, bħall-provvista ta' l-ilma jew il-kura tas-saħħa. Dan huwa l-ewwel proġett strateġiku u l-ewwel wieħed fil-qasam ta' l-edukazzjoni.»

Is-Sur Romiti ser ikun qed jaħdem ma' maniġers tat-taħriġ vokazzjonali fi tliet reġjuni piloti li huma Dushanbe, Kathlon u Soghd, biex jidentifikaw 'familji' ta' taħriġ ġodda, itejbu l-metodi ta' tagħlim u ta' taħriġ li huma antikwati immens, ifasslu programmi ta' studju ġodda u jidentifikaw ħtiġijiet ġodda tas-suq tax-xogħol.

Mirzo Yorov, kap taċ-Ċentru ta' Servizz Metodoloġiku tat-Taġikistan, jgħid: «Tant kemm kien ilna iżolati li issa ninsabu kuntenti li qed inkunu involuti fi proġett aktar wiesa'. Mingħajr appoġġ bħal dan m'għandna ebda tama li noħorġu minn din il-kriżi ta' dawn l-aħħar snin.»



Ritratt: ETF

Il-programmi ta' taħriġ vokazzjonali jagħtu soluzzjonijiet għal żoni milquta bi kriżijiet bħal ma hu r-reġjun ta' Dushanbe fit-Taġikistan.

tar-riżorsi umani issa sar l-element ewlieni tal-Programm Tacis f'dan l-istat ta' l-Ażja Ċentrali. (Ara t-test fil-kaxxa.)

## Taħriġ ta' għalliema u ħarrieġa

Flimkien mal-festivitajiet li mmarkaw l-għaxar anniversarju tagħna f'Ġunju ta' din is-sena, l-ETF organizzat *workshop* internazzjonali dwar suġġett minsi li aħna ilna nippruvaw inressqu 'l quddiem għal għadd ta' snin: it-taħriġ ta' l-għalliema u tal-ħarrieġa. Il-*workshop* '*Stakeholder Interest and the Teaching Profession*' kien elaborazzjoni tal-kunċett ta' '*policy-learning*' li kienet ġiet żviluppata fil-konferenza *'Learning Matters'* f'Novembru 2003, organizzata mill-Forum ta' Konsulenza.

Il-*workshop* kien għamel tentattiv biex jindirizza l-kwistjoni dwar kif tista' tiġi mmodernizzata l-professjoni ta' l-għalliema bl-għajuna tal-partijiet interessati fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Dan wera biċ-ċar il-kumpessità tal-kwistjonijiet involuti. It-taħriġ ta' l-għalliema u tal-ħarrieġa huwa s-sisien ta' l-edukazzjoni u huwa diffiċli ħafna li wieħed iżomm diskussjoni dwar ir-riforma tat-taħriġ ta' l-għalliema milli tifrex għall-medda kollha ta' l-attività tagħna.

Madanakollu, l-opinjonijiet bdew jinġemgħu fit-tieni jum tal-laqgħa b'rapport ta' sinteżi tad-dibattiti mqanqla tas-sitt sessjonijiet tas-seminar. L-espert ewlieni tal-ETF, Bernhard Buck, ippreżenta d-diversi possibiltajiet ta' azzjoni li għandna quddiemna.

Ritratt: ETF/F. Decorato



Aħna għalliema ta' xulxin.

Ir-rapporti tagħhom u kull dokumentazzjoni oħra mis-seminar jinsabu fuq is-sit ta' internet tagħna.

L-ETF għadha impenjata li tmexxi d-dibattitu dwar ir-riforma fit-taħriġ ta' l-għalliema u l-ħarrieġa fil-pajjiżi msieħba tagħha fuq il-firxa kollha ta' l-attivitajiet tagħha, inkluż Tempus (ara l-kaxxa). Il-*Ktieb tas-Sena 2005 tal-ETF* ser ikun iddedikat għal kollox għal din il-kwistjoni, waqt li attivitajiet oħrajn għadhom qed jiġu maħsuba.

## Taħriġ għad-demokrazija fl-universitajiet

Lejn it-tmiem tas-snin 90, konsorzju ta’ universitajiet Ewropej li kienu qed jiżviluppaw it-taħriġ ta’ l-għalliema ta’ ilsna tal-minoranzi fl-ex Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja wasal għall-konklużjoni li n-nuqqas ta’ edukazzjoni ċivika kien qed ixekkel l-iżvilupp demokratiku tal-pajjiż mifrud. Il-konsorzju, li kien immexxi mill-Università ta’ Malmö, għamel proposta sabiex jiġi mniedi proġett Tempus biex jiżviluppa t-taħriġ ta’ għalliema fit-tagħlim ta’ suġġetti relatati mad-demokrazija.

L-għażla tal-ħin min-naħa tagħhom kienet perfetta. L-Istitut Pedagoġiku tal-Ministeru ta’ l-Edukazzjoni tal-Maċedonja kien għadu kif beda jirsisti għall-iżvilupp ta’ l-edukazzjoni ċivika iżda ma kellux biżżejjed fondi u ħila esperta u l-ħidma tiegħu spiss kienet imxekkla bin-nuqqas persistenti ta’ kollaborazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tat-taħriġ u ż-żoni ta’ madwarhom. Kien hemm ħtieġa għal strateġija integrata li tinvolvi l-awtoritajiet, l-istituzzjonijiet tat-taħriġ ta’ l-għalliema kollha, u l-iskejjel u l-kindergartens tal-pajjiż.

Il-proposta tagħhom ġiet aċċettata u fl-2001 il- konsorzju beda jiżviluppa strateġiji ġodda ta’ tagħlim u taħriġ għad-demokraziji. L-imsieħba fil-proġett kienu jinkludu l-*Faculty for Preschool and Elementary School Teacher Training* f’Bitola, il-fakultajiet ta’ Pedagoġiji ta’ Skopje u Stip, żewġ kindergartens u ħames skejjel primarji. Flimkien huma żviluppaw materjali ta’ tagħlim u taħriġ, faċilitajiet aġġornati għat-tagħlim prattiku u niedew ċentri ta’ tagħlim mobbli biex iwessgħu l-firxa tal-proġett.

Il-konsegwenzi tal-proġett, li ntemm fl-2004, inħassu fil-pajjiż kollu. Ġew imqassma kotba, rivisti u vidjotejps lill-iskejjel u studenti fil-fakultajiet pedagoġiċi. Ġew organizzati *workshops* fil-pajjiż kollu. Ir-rivista perjodika ewlenija tal-pajjiż f’dak li għandu x’jaqsam ma’ l-edukazzjoni, *Education Worker*, segwiet il-proġett mill-qrib mill-bidu sat-tmiem.

Is-sħubija bejn il-partijiet kollha b’interess fl-edukazzjoni ċivika żgurat id-dedikazzjoni kontinwa għall-kawża anki wara li kien intemm il-proġett. Il-proġett introduċa l-fakultajiet involuti għan-Netwerk Ewropea ta’ Edukazzjoni ta’ l-Għalliema (ETEN) u fil-fatt tant huma impenjati li ser jospitaw flimkien il-laqgħa ta’ l-ETEN ta’ l-2005.

Ritratt: ETF/M. Arnó




Il-qsim ta’ tagħrif u ħila esperta huwa parti sinifikattiva tal-ħidma ta’ l-ETF mal-pajjiżi msieħba magħha.

## Nistabbilixxu t-tendenza fis-Sirja

L-2004 ra t-tmiem ta' l-involviment ta' l-ETF fi proġett pijunier biex tiġi mnieda skema ta' apprentistat fis-Sirja. Il-parteċipanti nġabru f'seminar f'Damascus, f'Diċembru li għadda, biex jagħmlu rendikont tar-riżultati.

Bosta mijiet ta' żgħażagħ bħalissa qed jgħaqqdu t-tagħlim tagħhom mill-iskola ma' taħriġ prattiku ma' kumpanija lokali. L-ewwel li ggradwaw mill-iskema issa qed jidħlu fis-suq tax-xogħol, u s'issa 50 % minnhom sabu xogħol meta mqabbla ma' 20 % tal-gradwati tas-sistema qadima ta' taħriġ vokazzjonali. «F'Al-Hafez, s'issa impjegajna l-gradwati kollha ta' din l-iskema li jixtiequ jaħdmu għalina,» jgħid Ahmed Shirin, maniġer tal-produzzjoni mal-manifattura ta' bjankerija tas-sodda (*white goods*) f'Damasku, «din l-iskema qed tipproduċi t-tip ta' nies li għandna bżonn.»

Il-proġett qed jintroduċi forom ġodda ta' maniġment fl-iskejjel u biddel radikalment il-kurrikula ta' l-iskejjel għal erba' snajja'. Dan il-proġett, li nbeda f'Damasku, ġie implimentat b'suċċess f'Aleppo, it-tieni belt tas-Sirja u bażi industrijali importanti, u l-industrijalisti hemmhekk diġà qed jiddiskutu dwar kif ser jestenduh għal snajja' ġodda bħax-xogħol tal-ħadid jew it-turiżmu. B'mod li huwa forsi aktar sinifikattiv, il-proġett irnexxielu jniedi proċess ta' djalogu soċjali f'pajjiż fejn il-gvern u l-industrija m'humiex imdorrijin jaħdmu flimkien. «L-ETF kellha rwol ferm importanti fit-tnidija tas-sħubija bejn il-ministeri differenti u l-kmamar ta' l-industrija,» jgħid Fouad Al-Ghaloul, il-viċi-Ministru ta' l-Edukazzjoni tas-Sirja.

Għalkemm l-ETF lestiet xogħolha, il-proġett ser jissokta. Bħalissa għaddejjin tħejjijiet biex tiġi estiża l-iskema għal Homs; f'Aleppo, l-għan huwa li 10 % ta' l-istudenti vokazzjonali kollha jiġu rreġistrati taħt l-iskema sa l-2010.

L-effett ta' din l-iskema pilota li tidher pjuttost modesta ma jiqafx hawnhekk. L-iskema ta' apprentistat provdiet ispirazzjoni għal riformi aktar profondi li ser jibdew f'Settembru ta' l-2005. Dan il-programm MEDA ta' 21 miljun ser itejjeb b'mod sostanzjali 16-il skola vokazzjonali, inklużi l-iskejjel ta' apprentistat, u ser jibni strateġija għal reviżjoni totali tas-sistema ta' VET Sirjana.

### Innaqqsu d-distakk bejn it-teorija u l-prattika

Ħafna kwistjonijiet li l-ETF tippromwovi fil-pajjiżi msieħba huma suġġett attwali fi ħdan l-Unjoni Ewropea wkoll. It-tagħlim ta' l-adulti, it-tagħlim tul il-ħajja, l-oqsfa ta' kwalifiki nazzjonali u t-tagħlim elettroniku, per eżempju, huma suġġetti tal-mument u s-suġġett ta' żvilupp iffukat anki fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

### Sħubija

Kwistjoni oħra bħal dawn hija s-sħubija lokali u reġjonali għat-taħriġ u l-impjieg. Illum hemm qbil fuq firxa wiesgħa li l-livell tremend ta' diversifikazzjoni ta' dak li jiġi mgħallem, fejn jiġi mgħallem u kif jiġi mgħallem jista' jintlaħaq l-aħjar permezz tas-sħubijiet lokali. Waqt li l-awtoritajiet nazzjonali u internazzjonali jridu jiżguraw dejjem aktar li l-ftehim ta' qafas ikunu fis-seħħ fir-rigward ta' kwistjonijiet

Skema ta' apprentistat fis-Sirja tagħti lil mijiet ta' gradwati s-snajja' prattiċi meħtieġa mis-suq tax-xogħol tal-pajjiż.

Ritratt: ETF



Ritratt: ETF




Il-proġett ta' żvilupp ekonomiku u ta' l-impjieg lokali fl-Albanija u fil-Kosovo (LEEDAK) juri kif il-ġirien jistgħu jgawdu mill-esperjenza u l-ħila esperta komuni.

bħar-rikonoxximent u l-mobilità ta' dak kollu li jiġi mgħallem, huma biss l-konsorzji lokali li jistgħu jmissu dawn il-kwistjonijiet mill-qrib. Huma jafu l-aħjar xi jridu n-nies tal-komunità tagħhom, min jista' jindirizzaha, kemm hemm bżonn ta' adattament fil-prattika ta' tagħlim u taħriġ, eċċ.

Il-proġett LEEDAK (Żvilupp lokali ekonomiku u ta' l-impjieg fl-Albanija u l-Kosovo) ta' l-ETF jippermetti liż-żewġ komunitajiet ta' l-Albanija u l-Kosovo li jiżviluppaw l-ammont ta' nies lokali li jistgħu jiġu impjegati permezz ta' sħubijiet wiesgħa bejn l-awtoritajiet, dawk li jħaddmu, l-imsieħba soċjali u dawk li jipprovdu t-taħriġ. Huma jitgħallmu minn kollegi minn pajjiżi Ewropej oħrajn permezz ta' żjarat ta' studju, iżda l-proġett huwa ferm aktar minn sempliċement antenna għad-dinja ta' barra. Fil-fatt, meta daħal fit-tieni fażi tiegħu fl-2004, il-lokali sar aktar lokali f'LEEDAK.

Minħabba l-fiduċja li kellna fl-involviment tal-partijiet interessati u s-sens ta' pussess li dan kien ser joħloq, ħriġna l-ewwel sejħa għall-offerti għall-implimentazzjoni ta' l-istrateġija ta' taħriġ f'Lezhë, fl-Albanija, fl-ewwel fażi tal-proġett. Kumpanija tat-taħriġ lokali magħrufa sew rebħet is-sejħa għall-offerti u daħħlet il-konnessjonijiet Albaniżi tagħha. Din kienet storja ta' suċċess. Oriġinarjament, il-muniċipalità ma kinitx inkluża fil-lista ta' ċentri ta' taħriġ vokazzjonali prijoritarji taħt CARDS. Fi kliem ieħor, ma kien hemm ebda ċentru ta' taħriġ vokazzjonali. Illum, il-persuni li żviluppaw is-sħubija ta' Lezhë huma involuti biex imexxu l-kelma fil-pajjiż kollu u lil hinn.



Ritratt: ETF/F. Decorato

## Tagħlim ta' l-adulti

Fl-Ewropa tax-Xlokk fl-2004 waħda mit-temi ewlenin kienet it-tagħlim ta' l-adulti. L-edukazzjoni inizjali fir-reġjun għadu ma jħeġġiġx b'mod suffiċjenti lin-nies biex ikomplu t-tagħlim. Fil-fatt, ħafna żgħażagħ xorta għadhom jitilqu mill-iskola kmieni.

Ir-riżltati taċ-ċensiment juru li l-livelli ta' kisbiet edukattivi ta' l-adulti għadhom baxxi. Ftit huma l-kumpaniji li jipprovdu taħriġ għall-impjegati tagħhom. Bħala konsegwenza, ġew introdotti skemi ta' taħriġ għas-suq tax-xogħol fuq medda qasira ta' żmien mis-servizzi ta' l-impjieg fil-pajjiżi kollha bħala tentattiv biex jinstab rimedju għal-livell għoli ta' qgħad. Billi hemm ħtieġa kbira għal tagħlim ta' l-adulti, kellhom jinħolqu oqfsa politiċi u legali sabiex jitneħħew l-ostakli għat-tagħlim u sabiex jiġu żgurati l-kofinanzjament, l-aċċess ugwali u l-parteċipazzjoni, ir-relevanza u t-trasparenza ta' l-offerti tat-tagħlim, ir-rikonoxximent tas-snajja' u l-użu kif suppost tal-fondi pubbliċi.

## MEDA-ETE

Fid-29 ta' Novembru, l-ETF ospitat t-tnidija tal-proġett reġjonali MEDA imsejjaħ: «Edukazzjoni u Taħriġ għall-Impjieg (ETE)». Dan il-proġett, li sewa 5 miljun, huwa inizjattiva ġdida ta' l-UE li tagħti appoġġ għall-impjieg fl-Afrika ta' Fuq u l-Lvant Nofsani permezz ta' titjib fit-taħiġ u l-edukazzjoni. Dan il-proġett għandu l-għan li jirrevedi l-linji politiċi ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ fir-reġjun. Il-proġett ser joffri bażi għal kooperazzjoni reġjonali mtejba b'mod radikali u ser jgħin biex jiżviluppa strutturi komuni għall-ġbir, l-interpretazzjoni u t-tqabbil internazzjonali ta' indikaturi tat-taħriġ u tas-suq tax-xogħol.

Wara t-tnidija ta' l-avveniment f'Turin, il-Kap tad-Diviżjoni tad-EuropeAid Carla Montesi qalet li l-edukazzjoni kienet saret prijorità ewlenija fil-politika Mediterranja ta' l-UE. «Il-pajjiżi fir-reġjun qed jippreparaw għal ftehim ta' assoċazzjoni ma' l-UE u, finalment, għaż-żona ta' kummerċ ħieles li għandha tkun fis-seħħ sa l-2010. Iżda l-qgħad għadu għoli, b'mod partikolari fost in-nisa u ż-żgħażagħ, u s-settur ta' l-edukazzjoni mhux dejjem jirnexxilu jkun ta' livell sodisfaċenti.»

Fis-snin bejn issa u l-2008, il-proġett ser jgħin għaxar pajjiżi fir-reġjun biex itejbu u jirrevedu l-linji politiċi u l-istrateġiji tagħhom dwar l-edukazzjoni, iqabblu b'mod aħjar l-edukazzjoni u t-taħriġ mal-ħtiġijiet tas-swieq tax-xogħol tagħhom, isaħħu l-kapaċitajiet tal-fornituri ta' servizzi li jaħdmu għaż-żgħażagħ bla xogħol biex jgħinuhom jibdew jaħdmu għal rashom, u jippromwovu l-użu ta' teknoloġiji ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ.

Bl-għajnuna ta' esperti mill-pajjiżi kollha involuti, it-tîm ta' identifikazzjoni tal-proġett ħoloq erba' komponenti li fuqhom ser jistrieħ il-proġett. It-*think tank* tal-proġett ser ikun Forum Euromed ta' kull sena dwar it-TVET għall-impjieg. Ser ikun kompost mill-membri preżenti tal-Forum ta' Konsulenza ta' l- ETF, b'estensjoni għal rappreżentanti oħrajn jekk ikunu meħtieġa għall-proġett.

Ritratt: ETF

Il-mutur tal-proġett ser ikun kostitwit minn netwerk istituzzjonalizzata tal-produtturi ta' informazzjoni u tal-partijiet interessati ewlenin fis-sistemi ta' taħriġ u ta' tagħlim tar-reġjun. Ser ikollha funzjoni ta' osservatorju reġjonali, li jipprovdi lil dawk li jagħmlu d-deċiżjonijiet b'analiżi relevanti u aġġornata. Ser tipproduċi wkoll analiżi kumparattivi u studji tematiċi dwar kwistjonijiet relatati mat-taħriġ u ma' l-edukazzjoni.

Iż-żewġ komponenti oħrajn ikopru appoġġ speċifiku biex iż-żgħażagħ bla xogħol jitħajru jibdew jaħdmu għal rashom kif ukoll l-iżvilupp ta' inizjattivi ta' tagħlim elettroniku. Din ta' l-ewwel ser tindirizza l-aktar l-appoġġ tan-negozju, il-konsulenza, it-taħriġ u servizzi ta' insegwiment fl-oqsma ta' dawk li jaħdmu għal rashom u l-ħolqien ta' mikro intrapriżi. Din ta' l-aħħar ser tindirizza l-aktar l-użu ta' metodi u għodda ta' tagħlim elettroniku fis-servizzi ta' taħriġ ta' l-għalliema. Mhux ser tipprovdi infrastruttura iżda ser taħdem f'dan il-qasam ma' inizjattivi oħrajn ta' l-UE bħal EUMEDIS, programm aktar miftuħ ta' l-UE li għandu l-għan li jtejjeb b'mod kwalitattiv is-Soċjetà ta' Informazzjoni Euro-Mediterranja u MEDFORIST, in-netwerk Euro-Mediterranja għall-qsim ta' riżorsi ta' tagħlim ta' l-IST.



Id-Direttriċi ta' l-ETF Muriel Dunbar tikkonferma t-tnidija tal-proġett ta' Edukazzjoni u Taħriġ għall-Impjieg (ETE).

Il-proġett ta' Tagħlim ta' l-Adulti ta' l-ETF jindirizza dawn il-ħtiġijiet billi jagħti alternattivi innovattivi u billi jgħin sabiex jinqasmu l-għarfien u l-esperjenza. Fil-qafas ta' dan il-proġett, aħna organizzajna *workshop* dwar strateġiji ta' tagħlim ta' l-adulti u għodda ta' disinn f'Żagreb f'Jannar. F'Mejju, aħna għamilna t-tieni *workshop* f'Montenegro dwar it-tema ta' l-iżvilupp ta' sħubiji. F'Novembru għamilna t-tielet wieħed dwar il-finanzjament tat-tagħlim ta' l-adulti, li bix-xieraq sar fl-Ungerija, Stat Membru ġdid li jista' joffri ħafna f'dak li għandu x'jaqsam mal-prattika tajba fil-finanzjament tal-VET taħt kondizzjonijiet ekonomiċi ħżiena.

Dawn kollha kienu *workshops* reġjonali. B'mod parallel ma' dawn, ġew imnieda attivitajiet nazzjonali ġodda fil-Kroazja, il-Kosovo, Montenegro u s-Serbja. Ġew miġbura rapporti ta' rendikont għall-erba' pajjiżi kollha waqt li ġew żviluppati strateġiji ta' tagħlim għall-adulti għal tlieta minnhom.

### Kwalifiki

Il-Proċess ta' Kopenħagen u l-mod kif jaħdem biex iżid il-mobilità tal-kwalifiki ta spinta 'l quddiem lill-kwistjoni ta' strutturi ta' kwalifiki fuq l-aġendi politiċi Ewropej dwar it-taħriġ u l-edukazzjoni. L-istrutturi ta' kwalifiki m'huma xejn ġdid; bosta pajjiżi Ewropej għandhom strutturi ta' kwalifiki nazzjonali avvanzati. Iżda l-iżviluppi riċenti fuq livell Ewropew żiedu l-urġenza li jkun hemm koordinazzjoni nazzjonali f'dan il-qasam, u għaldaqstant huwa ferm naturali, fil-perspettiva tal-Politika Ewropea ta' Viċinanza, li l-attività interna ta' l-UE testendi b'mod li tqanqal dibattitu dwar l-istrutturi ta' kwalifiki fil-pajjiżi ġirien tagħna.



Ritratt: ETF

Il-kwistjoni ta' strutturi ta' kwalifiki hija parti importanti tar-riforma tal-VET.

L-ETF kienet pijuniera f'dan il-qasam f'għadd ta' pajjiżi msieħba, li forsi l-aktar magħrufa minnhom hija l-Federazzjoni Russa. Fil-qafas ta' parir dwar politika ġenerali kif mitlub mill-Gvern Russu, fl-2003 bdejna norganizzaw *workshops* dwar temi li ħarġu mill-Proċess ta' Kopenħagen. Fl-2004 dawn il-*workshops* bdew ikopru l-istrutturi nazzjonali ta' kwalifiki u l-kontribut tagħhom lejn it-tagħlim tul il-ħajja.

F'Ġunju ta' l-2004, organizzajna *policy workshop* f'Moska, li ġabar flimkien lill-awtoritajiet mill-oqsma ta' l-edukazzjoni u tax-xogħol. Il-parteċipanti, magħżula mill-ETF, ġew mid-Duma ta' l-Istat, il-gvern, l-awtoritajiet reġjonali u sorsi oħrajn ta' profil għoli. Dawn għarfu l-ħtieġa li jaħdmu flimkien fuq din il-kwistjoni u saħansitra kkonfermaw l-impenn tagħhom bil-miktub, li kien progress eċċellenti.

Fuq talba tal-parteċipanti fid-Delegazzjoni tal-KE f'Moska, fl-2005 ix-xogħol fil-Federazzjoni Russa ser ikompli jiffoka fuq l-istrutturi nazzjonali ta' kwalifiki. B'mod parallel, ser inniedu proġett pilota dwar l-iżvilupp ta' qafas ta' kwalifiki nazzjonali fl-Ukrajna, fejn digriet presidenzjali f'Settembru 2004 witta' t-triq lejn riforma ġenwina tal-VET.

L-ewwel tentattiv biex jiġi żviluppat VET fl-Ukrajna kien diġà sar fl-1998 iżda minħabba nuqqas ta' fondi din l-inizjattiva kienet ġiet abbandunata qabel il-waqt. L-ETF, madanakollu, baqgħet għaddejja bil-ħidma tagħha minn wara l-kwinti, billi bniet il-pedamenti. Il-proġetti piloti u l-attivitajiet l-oħrajn li seħħu fis-snin ta' wara kienu ffinanzjati mill-baġit tagħna.

Fl-2002, l-iżviluppi f'daqqa waħda qabdu pass mgħaġġel meta l-pajjiż ippubblika l-ewwel politika nazzjonali għall-edukazzjoni fil-21 seklu. L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali ngħataw pożizzjoni prominenti u fl-2003, aħna għenna lill-Ukrajni jfasslu kunċett għal riforma nazzjonali ta' l-istrateġija tal-VET.

Meta l-programm ġdid Tacis ta' Riforma tal-VET ġie ddisinjat, ħafna mill-kontenut tiegħu ġie mill-istudju profond dwar il-VET u l-iżvilupp tas-suq tax-xogħol li aħna ppubblikajna fl-2004. Il-mira ċentrali ta' dan il-programm fil-bidu ser tkun fuq it-taħriġ kontinwu u d-deċentralizzazzjoni tal-ġestjoni tal-VET, iżda mill-2005 'il quddiem ser ikun hemm skop għal aktar attivitajiet.

## Naqsmu l-ħila esperta

«Dak li hu tajjeb għalina huwa tajjeb għalihom,» qal Ján Figel', il-Kummissarju l-ġdid għall-Edukazzjoni u l-Kultura fl-intervista tiegħu fir-Rivista l-ġdida ta' l-ETF *Live & Learn* lejn it-tmiem ta' l-2004. Din, f'erba' kelmiet, hija l-filosofija tal-Politika Ewropea ta' Viċinanza, il-prinċipju ewlieni dwar l-assistenza ta' l-UE lir-reġjuni ġirien tagħha fis-snin li ġejjin, u li hija spjegata aktar 'il fuq. Tabilħaqq, ħafna mill-esperjenza li akkwistajna fl-UE tista' tintuża b'mod siewi fil-pajjiżi ġirien. Wieħed mill-mandati ewlenin tal-Fondazzjoni

Ewropea għat-Taħriġ hu li nagħtu aċċess lil dawk li għandhom bżonn f'dawn il-pajjiżi.

## Adeżjoni u assoċjazzjoni

Wieħed mill-punti ewlenin tal-Politika Ewropea tal-Viċinanza hu li tagħti importanza indaqs lill-iżvilupp tar-riżorsi umani f'dawk il-pajjiżi li għandhom il-potenzjal li jsiru Membri ta' l-UE u f'pajjiżi msieħba oħrajn. Fil-fatt, it-temi indirizzati huma pjuttost simili fir-reġjuni kollha li fihom l-ETF hija attiva: l-aġenda tiġi ffissata skond l-iżviluppi Ewropej hekk kif iddettati l-aktar mill-proċessi ta' Liżbona u Kopenħagen.

Id-differenza ewlenija fil-metodu tinsab fit-tħejjijiet tekniċi għall-adeżoni li jseħħu fil-pajjiżi kandidati t'issa u dawk tal-futur. Dawn kellhom bżonn li ssirilhom tħejjija għall-parteċipazzjoni fi strutturi Ewropej, bħall-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u n-netwerks Ewropej. Permezz tal-ħidma tagħna fl-Istati Membri l-ġodda, aħna wrejna li kapaċi ngħinu lil dawn il-pajjiżi u l-ħidma tagħna kienet ferm aktar faċli minħabba li stajna nistrieħu fuq ċirku ta' ħila esperta li tinsab fil-pajjiżi li għadhom kif għaddew mill-esperjenza li jallinjaw l-arranġamenti istituzzjonali tagħhom sabiex jakkomodaw r-regoli u r-regolamenti ta' l-UE. Dawn saru sħab sħaħ fit-tħejjijiet tagħna għall-fażi ta' adeżjoni li jmiss. Fit-Turkija per eżempu, l-ETF hija megħjuna minn esperti mill-Polonja u ż-żjarat ta' studju fil-Polonja saru jagħmlu parti mill-programm tat-Turkija. Id-delegati għamlu riċerka dwar kif il-Polonja stabbilixxiet strutturi biex takkomoda r-rekwiżiti ta' programmi bħall-FSE.

Fit-Turkija, l-attività preżenti tagħna tiffoka fuq l-iżvilupp f'reġjun wieħed, li ser jintuża bħala reġjun mudell għall-kumplament tal-pajjiż fis-snin li ġejjin. Fir-reġjun ta' Konja, ġew identifikati ħtiġijiet ta' snajja' u ġiet żviluppata strateġija ta' taħriġ bl-appoġġ ta' l-ETF u l-imsieħba mill-Istati Membri l-ġodda.

It-twaqqif ta' istituzzjonijiet f'dawn il-pajjiżi spiss jinvolvi l-iżvilupp ta' ħila permezz ta' tip ta' appoġġ li jfakkarna fil-ħidma li wettaqna fl-Istati Membri l-ġodda u fir-Rumanija u l-Bulgarija permezz ta' proġetti bħall-Programm Preparatorju Speċjali għall-FSE. Il-proġetti Tempus għandhom sehem importanti f'dan il-proċess ukoll.

Fir-Rumanija, bħala eżempju ieħor, aħna niffukaw fuq l-appoġġ għall-iżvilupp ta' djalogu settorjali, li ġie identifikat bħala punt dgħajjef. Bl-appoġġ ta' l-ETF,

Ritratt: ETF/F. Decorato



L-iżvilupp tar-riżorsi umani fl-Istati Membri futuri ta' l-UE u pajjiżi msieħba oħrajn huwa l-għan ewlieni ta' kull proġett ta' l-ETF.

fl-2004 ġew imwaqqfa kumitati settorjali b'rappreżentanza wiesgħa biex jiddiskutu l-akkreditazzjoni ta' fornituri ta' taħriġ.

Ir-riċerka u l-analiżi mill-pajjiżi li qed iħejju għall-adeżjoni jerġgħu jingħaddew lura lill-Kummisjoni Ewropea fi ħdan il-politika ta' żvilupp tagħha. Bħala eżempju, bi tħejjija għal-laqgħat f'Maastricht ta' Diċembru 2004, il-Kummissjoni Ewropea kkummissjonat studju prinċipali dwar il-progress lejn l-għanijiet ta' Liżbona fi 32 pajjiż. Ir-rapporti tal-pajjiżi li saru f'Turin intużaw bħala materjal ta' riċerka fit-taqsimiet tar-rapport dwar tliet pajjiżi kandidati (il-Bulgarija, ir-Rumanija u t-Turkija). L-esperti ta' l-ETF ħadu sehem ukoll fil-kumitat ta' tmexxija li kien qed jissorvelja t-tlestija ta' dan l-istudju.

## Nitgħallmu mingħand sħabna

Xi kultant l-ispeċjalisti tal-pajjiżi msieħba u l-imsieħba tal-proġetti jsibuha diffiċli li jaċċettaw pariri mingħand esperti barranin. L-għajnuna mingħand il-ġirien, li jkunu għaddew minn problemi simili u sabu soluzzjonijiet li jaħdmu, għandha ssib art għammiela. F'din il-parti tad-dinja fejn il-ġlied reġjonali għamel ħafna ħsara, huwa ferm pożittiv li l-ġirien jitgħallmu mingħand xulxin. L-eżerċizzji tagħna ta' '*peer review*' jirnexxilhom jgħaqqdu dawn l-ideat flimkien, billi jieħdu vantaġġ mill-istorja komuni tal-Balkani tal-Punent. Tant kemm il-*peer reviews* ġew meqjusa li kienu ta' suċċess illi ġew estiżi għall-pajjiżi l-oħrajn ta' l-Ewropa tax-Xlokk, inklużi l-Bulgarija, ir-Rumanija u t-Turkija.

Fl-2004, esperti ta' proġetti minn pajiżi msieħba differenti fir-reġjun għamlu evalwazzjonijiet tat-taħriġ vokazzjonali fil-pajjiżi ġirien tagħhom. Fi żmien ferm qasir dan il-proċess beda jtejjeb il-kooperazzjoni reġjonali fost dawk li jfasslu l-politika, u, permezz tal-qsim ta' ħila esperta, beda jżid il-kapaċità għal analiżi ta' politika fil-futur fil-pajjiżi individwali tar-reġjun. Ir-riżultati tal-*peer reviews* jikkontribwixxu lejn l-assistenza tal-Kummissjoni Ewropea taħt il-programm CARDS għal kull pajjiż.

Bħal ma juri l-eżempju fit-test li jinsab fil-kaxxa dwar San Petersburg, il-filosofija wara r-reviżjonijiet – nitgħallmu mingħand sħabna – ġiet addattata u addottata b'suċċess. Din saret element rikorrenti f'ħafna mill-ħidma tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ.



Ritratt: ETF

Nistgħu nitgħallmu minn xulxin biss meta jkun hemm djalogu miftuħ.



Ritratt: ILO/J. Maillard

## Nitgħallmu minn xulxin

L-esperjenza li akkwistat ir-Russja matul il-proċess ta' trasferiment tar-responsabbiltà għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali kompletament għal-livell reġjonali qed tiġi segwita b'interess minn professjonisti minn pajjiżi ġirien.

Gruppi ta' mexxejja ta' skejjel vokazzjonali u uffiċjali ta' l-edukazzjoni mill-Ukrajna, it-Taġikistan u l- Belarus kienu f'San Petersburg fil-bidu ta' Diċembru 2004 biex jitgħallmu mill-esperjenza ta' tmien reġjuni piloti Russi. Dan seħħ fl-aħħar seminar ta' proġett konġunt tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ u l-Fondazzjoni ta' Taħriġ Nazzjonali dwar id-deċentralizzazzjoni tal-VET u r-ristrutturar fir-Russja.

L-esperjenza li r-Russja ħadet hekk kif resqet lejn sistema ta' VET deċentralizzata għandha tkun ta' tagħlim siewi għal pajjiżi oħrajn. L-Ukrajna qed tersaq lejn sistema deċentralizzata wara digriet presidenzjali dwar ir-riforma tal-VET li nħareġ f'Settembru 2004. Fil-ġirja lejn proġett Tacis biex jagħti appoġġ għal dan, l-ETF qed taħdem b'ħames reġjuni piloti sabiex jgħinnu fit-tfassil ta' pjaniiet ta' azzjoni reġjonali.

Xavier Matheu, maniġer tal-pajjiż ta' l-ETF għall-Ukrajna, qal li jagħmel ħafna sens li wieħed jitgħallem mill-esperjenza tar-Russja, fejn l-iżviluppi jinsabu xi sitt xhur aktar avvanzati. «Hemm ħafna affarijiet li jixxiebhu u għandu jkun hemm opportunità li jsir ġemellaġġ bejn reġjuni b'industriji simili u bżonnijiet speċjalizzati u li nagħtu appoġġ reċiproku.»

Vasily Yaroschenko, li huwa l-viċi-kap tat-taħriġ vokazzjonali fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u x-Xjenza fl-Ukrajna, qal li għalkemm m'hemm ebda forom lesti, huwa kien qed «jistudja u jixrob l-esperjenza» waqt li kien qiegħed is-seminar. Il-kriżi politika ta' l-Ukrajna, li kienet fit-tieni ġimgħa tagħha matul is-seminar, «mhux ser tfixkel ir-riformi strateġiċi fuq medda ta' żmien twil», huwa kompla biex jgħid.

Nurali Shoev, viċi-rettur ta' l-Università Teknoloġika ta' Taġik, qal fis-seminar li n-nuqqas ta' ħaddiema f'xi reġjun tar-Russja jista' jiġi mtaffi b'arranġamenti inter-governattivi formali dwar il-forniment ta' ħaddiema migranti minn Taġik bi kwalifiki aħjar. Mijiet ta' eluf ta' persuni minn Taġik imorru lejn ir-Russja kull sena biex jaħdmu bħala ħaddiema ta' l-idejn b'pagi baxxi – spiss b'mod illegali fejn ikollhom iseffqu wiċċhom ma' trattament ħażin mill-pulizija – u t-titjib ta' taħriġ mid-dar flimkien ma' arranġamenti reġjonali speċifiċi jistgħu jgħinu biex nolqtu żewġ għasafar b'ġebla waħda, huwa qal.

Eduard Gonchar, kap tat-taħriġ vokazzjonali fil-Ministeru tal-Belarus għall-Edukazzjoni, fejn bħalissa m'hemm ebda pjanijiet għal riforma maġġuri, qal li l-esperjenza Russa toffri «lezzjonijiet siewja» li jistgħu jservu bħala bażi għal żviluppi li jistgħu jsiru fil-ġejjieni.



## KOPENĦAGEN, MAASTRICHT: ĦARSA ĠENERALI GĦALL- 2005

Il-promozzjoni tal-mobilità ħielsa tal-kapital uman u l-Proċess ta' Kopenħagen li rriżulta minn dan taw imbuttatura kbira lill-kooperazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali ġewwa l-Unjoni Ewropea. L-ewwel frott ta' din il-kollaborazzjoni intensifikata beda jidher matul l-2004. Europass, l-inizjattiva Ewropea li ttejjeb il-mobilità tal-kwalifiki ġiet ippreżentata meta l-ministri Ewropej iltaqgħu f'Maastricht f'Diċembru. Fl-istess laqgħa, dawn il-ministri wrew l-impenn tagħhom lejn kollaborazzjoni aktar mill-qrib. Huma sostnew l-appoġġ tagħhom għall-proċess ta' Kopenħagen u aċċettaw is-sejħa biex jaħdmu aktar mill-kunsill li kien żamm kont tal-progress ta' l-Istrateġija ta' Liżbona.

Jekk fil-fatt l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ser jaħdmu aktar biex jiżviluppaw l-ekonomija mibnija fuq l-għarfien mixtieqa fil-ħames snin li ġejjin, dan ser ikollu konsegwenzi fil-bogħod għat-taħriġ vokazzjonali fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

Diġà qed jiġu żviluppati strutturi ġodda u diġà saret ħafna sperimentazzjoni fil-pajjiżi ta' l-UE, u l-aħjar riżultati tagħhom qed jiġu kkonsolidati f'dan il-mument stess.


Ritratt: ETF/A.Ramella

Photo: ETF

## Titwila 'l quddiem

Mill-2007 'l quddiem, l-organizzazzjoni ta' l-appoġġ estern Ewropew ser jinbidel b'mod pjuttost drammatiku. F'intervista mar-rivista ta' l-ETF *Live & Learn,* il-Kummissarju Figel' ta ħarsa 'l quddiem lejn l-iżviluppi li ser ikollhom impatt fuq il-ħidma ta' l-ETF fis-snin li ġejjin.

«Kif tafu, il-mitt strument u fuqhom – inkluż Tempus – li jirregolaw l-attività ta' l-UE f'dak li għandu x'jaqsam mar-Relazzjonijiet Esterni ser jiġu mibdula b'sitta aktar wiesgħa wara l-2006,» huwa qal. «Tempus innifsu huwa mistenni li jespandi biex ikopri edukazzjoni u taħriġ fl-iskejjel u fl-iskejjel vokazzjonali kif ukoll edukazzjoni aktar avvanzata, għalkemm id-dettalji tas-sura attwali li ser jieħu l-programm għad iridu jiġu finalizzati. Dawn huma l-istrument ġdid Ewropew ta' Viċinanza u Sħubija, l-istrument ġdid ta' qabel l-adeżjoni, u l-istrument ġdid ta' Żvilupp u Kooperazzjoni Ekonomika.»

«Dawn il-proposti kollha jinkludu artikoli li espressament jinkludu l-assistenza fl-edukazzjoni u t-taħriġ bħala objettiv. Huma ddisinjati biex jippermettu l-adozzjoni ta' programmi tematiċi fi ħdanhom u l-programm ġdid Tempus huwa maħsub li jkun wieħed minnhom.»

«Aħna nistennew li l-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ ser ikollha rwol importanti f'li tgħin lill-Kummissjoni fl-azzjonijiet tagħha f'dawn l-oqsma kollha u nistennew li ser jagħmlu hekk billi jipprovdu lis-servizzi relevanti tal-Kummissjoni b'tagħrif u ħila esperta b'appoġġ għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politika. Għalkemm din hija essenzjalment id-direzzjoni li l-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ ħadet f'dawn l-aħħar snin, minħabba definizzjoni aktar ċara ta' strateġiji li għandhom impatt fuq il-ħidma ta' l-aġenzija, l-organizzazzjoni ser tinbidel.»

Il-Kummissarju ta' l-UE Ján Figel jistenna bidliet kbar fl-appoġġ li l-UE tagħti lill-ġirien tagħha.



Ritratt: Librerija tar-Ritratti ta' l-Unjoni Ewropea

Iż-żieda fit-trasparenza fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali ta' l-Ewropa diġà wasslu għal ħerqa akbar, li tidher biċ-ċar, biex jiġu mqabbla sistemi, l-impatt tagħhom u l-kwalifiki li dawn joffru. Minħabba dan, kif ukoll minħabba ż-żieda fir-rikonoxximent tal-ħtieġa għal kontroll tal-kwalità, huwa mistenni li l-*benchmarking* ser issir waħda mit-temi ewlenin fis-snin li ġejjin.

Il-Politika Ewropea ta' Viċinanza teħtieġ li l-frott ta' l-iżviluppi Ewropej jiġi maqsum mal-ġirien tagħna. Dawn kollha huma pajjiżi msieħba fl-ETF u l-iżviluppi Ewropej kurrenti għaldaqstant aktarx li ser ikollhom impatt fuq il-ħidma ta' l-ETF fil-ftit snin li ġejjin aktar minn qatt qabel. It-temi kurrenti fl-Ewropa ser ikunu mingħajr dubju l-istess temi kurrenti fil-ħidma ta' l-ETF fis-snin li ġejjin.

Mhux talli l-orjentazzjoni tematika tagħna aktarx li ser tinbidel. Mill-2007 'il quddiem, li kumbinazzjoni hija wkoll is-sena li timmarka l-fażi ta' tkabbir li jmiss, l-appoġġ estern Ewropew ser jieħu xejra għal kollox ġdida. Deċiżjonijiet fundamentali dwar x'ser tkun eżattament ser jittieħdu fl-2005.

Fil-qosor, is-snin li ġejjin ser iġibu bidla tremenda. Għall-ETF, il-bidliet li sa l-2004 kienu għadhom fl-arja issa qed joqorbu, u huma sfida fis-sens l-aktar pożittiv tal-kelma. Minħabba li l-mira ewlenija tibqa' dejjem ir-rwol essenzjali tar-riżorsi umani fl-iżvilupp soċjali u ekonomiku li aktarx ser iżid ir-rikonoxximent tal-qasam li fih ilna naħdmu sa mill-1995, huwa probabbli li ser ikun hemm domanda ogħla għas-servizzi tagħna, kif ukoll responsabbiltajiet ġodda.




It-tħejjijiet dettaljati li għamilna matul l-ewwel għaxar snin ta' l-eżistenza tagħna ppreparawna sabiex nirrispondu għal dawn l-isfidi mingħajr telf ta' żmien, b'mod xieraq, u fuq kollox, b'mod flessibbli.


MONOGRAPHS
CANDIDATE COUNTRIES
VOCATIONAL EDUCATION AND
TRAINING AND EMPLOYMENT
SERVICES IN THE
SLOVAK REPUBLIC
etf
SHARING EXPERTISE
IN TRAINING
REVIEW OF CAREER GUIDANCE
POLICIES IN 11 ACCEDING AND
CANDIDATE COUNTRIES
SYNTHESIS REPORT
JULY 2003

# ANNESSI

## 1. Regolament kostituttiv u emendi

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ ġiet ikkostitwita bir-Regolament tal-Kunsill Nru. 1360/90 tas-7 ta' Mejju 1990.

Ir-regolament oriġinali kostituttiv ġie emendat bid-deċiżonijiet li ġejjin:

- Ir-Regolament tal-Kunsill Nru. 2063/94 tas-27 ta' Lulju 1994, li jemenda r-regoli dwar il-funzjonijiet u l-personal ta' l-ETF u jestendi l-iskop ġeografiku tal-ħidma ta' l-ETF għal pajjiżi eliġibbli għall-programm Tacis;
- Ir-Regolament tal-Kunsill Nru. 1572/98 tas-17 ta' Lulju 1998, li jestendi l-iskop ġeografiku tal-ħidma ta' l-ETF għal pajjiżi eliġibbli għal appoġġ mill-Programm MEDA;
- Ir-Regolament tal-Kunsill Nru. 2666/2000 tal-5 ta' Diċembru tas-sena 2000, li jestendi l-iskop ġeografiku tal-ħidma ta' l-ETF għall-Albanija, il-Bożnija, ir-Repubblika Federali tal-Jugożlavja u l-ex Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja;
- Ir-Regolament tal-Kunsill Nru. 1648/2003 tat-18 ta' Ġunju 2003, li jinkludi regoli dwar l-aċċess għal dokumenti u li jemenda l-proċeduri tal-baġit ta' l-ETF.

### Regolament ikkonsolidat

Il-verżjoni kkonsolidata tar-Regolament tal-Kunsill ta' l-ETF CONSLEG: 1990R1360 – 01/10/2003 tintegra r-regolament kostituttiv oriġinali ma' l-emendi sussegwenti.

## 2. Baġit (€)

| | 2003 | 2004 | 2005 |
|---|---|---|---|
| Spejjeż għall-persunal | 10 529 000 | 11 493 973 | 12 047 000 |
| Bini, tagħmir u spejjeż għat-tmexxija | 1 421 000 | 1 470 027 | 1 453 000 |
| Spejjeż operattivi | 5 250 000 | 4 636 000 | 5 000 000 |
| **Sussidju totali annwali** | **17 200 000** | **17 600 000** | **18 500 000** |
| Fondi oħra | 500 000 | 800 000 | Iċ-ċifra għadha mhux disponibbli |
| **Total** | **17 700 000** | **18 400 000** | **18 500 000** |





Ritratti: ETF/F. Decorato

# 3. Tabella tal-personal u organigramma




## Personal ta' l-ETF skond in-nazzjonalità




In-numru totali ta' personal fl-2004 fil-grad A* kien 50, fil-grad B*, 35 u C*, 14, li jagħti total ta' 99 aġent temporanju. In-numru totali ta' aġenti temporanji mbassra fil-pjan ta' stabbiliment huwa ta' 104.

## Personal ta' l-ETF skond is-sess u l-grad

| | F | M | Total |
|---|---|---|---|
| A*14 | 1 | 1 | 2 |
| A*13 | | | 0 |
| A*12 | 1 | 6 | 7 |
| A*11 | 6 | 8 | 14 |
| A*10 | 3 | 3 | 6 |
| A*9 | 2 | 2 | 4 |
| A*8 | 6 | 7 | 13 |
| A*7 | | 1 | 1 |
| A*6 | 1 | 1 | 2 |
| A*5 | 1 | | 1 |
| **Total A*** | **21** | **29** | **50** |
| **%** | **42** | **58** | **100** |
| B*9 | 2 | | 2 |
| B*8 | 2 | 2 | 4 |
| B*7 | 4 | 3 | 7 |
| B*6 | 8 | 3 | 11 |
| B*5 | 4 | 5 | 9 |
| B*4 | | | 0 |
| B*3 | 2 | | 2 |
| **Total B*** | **22** | **13** | **35** |
| **%** | **63** | **37** | **100** |
| C*6 | 2 | | 2 |
| C*5 | 1 | | 1 |
| C*4 | 1 | | 1 |
| C*3 | 5 | 1 | 6 |
| C*2 | | | 0 |
| C*1 | 4 | | 4 |
| **Total C*** | **13** | **1** | **14** |
| **%** | **93** | **7** | **100** |
| **Total AT** | **56** | **43** | **99** |
| **%** | **57** | **43** | **100** |

# 4. Deċiżjonijiet ewlenin tal-Bord Governattiv fl-2004 u lista ta' membri

Il-Bord Governattiv iltaqa' f'Marzu, Ġunju u Novembru ta' l-2004; osservaturi mill-pajjiżi kandidati attendew iż-żewġ laqgħat, li kienu ppreseduti mis-sur Nikolaus van der Pas, Direttur Ġenerali għall-Edukazzjoni u l-Kultura tal-Kummissjoni Ewropea. F'Ġunju l-laqgħa saret f'Turin waqt li f'Novembru l-laqgħa saret fi Brussell.

Fil-laqgħa tas-16 ta' Marzu, il-Bord Governattiv ta' l-ETF għażel lil Muriel Dunbar bħala d-Direttriċi l-ġdida ta' l-ETF mill-1 ta' Lulju 2004 'l quddiem.

Fil-laqgħa tad-29 ta' Ġunju, il-Bord Governattiv ta' l-ETF:

- Adotta l-Istandards ta' Kontroll Intern tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ – u ħa nota tal-pjan ta' l-ETF biex tikseb konformità ma' l-istandards sat-tmiem ta' l-2004;
- Adotta r-Rapport ta' l-Attività Annwali ta' l-ETF għall-2003 u l-analiżi u l-evalwazzjoni tagħha stess relatati miegħu;
- Qabel fuq id-deċiżjoni dwar il-proċeduri għall-adozzjoni tar-regoli implimentattivi ta' l-ETF għar-Regolamenti l-ġodda tal-Personal;
- Innota l-kuntratt mad-Direttriċi l-ġdida Dr Muriel Dunbar u l-proċeduri relatati tal-perjodu ta' prova;
- Innota r-rapport ta' progress ta' l-ETF dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni bi tweġiba għall-evalwazzjoni esterna għall-perjodu Marzu-Ġunju 2004; u
- Innota l-progress li sar mill-ETF fl-implimentazzjoni tal-Programm ta' Xogħol tagħha għall-2004.

Fil-laqgħa tad-9 ta' Novembru, il-Bord Governattiv ta' l-ETF ikkonferma l-perspettivi ta' l-ippjanar għall-ETF2004-2006 billi addotta:

- Il-baġit  emendat għall-2004;
- Il-Programm ta' Ħidma ta' l-ETF għall-2005;
- L-abbozz ta' baġit  ta' l-ETF għall-2005 u l-pjan ta' stabbiliment;
- Ir-*rationale* tal-prijoritajiet ta' l-ETF għall-2006;
- Il-linji ta' gwida għall-evalwazzjoni esterna ta' l-ETF għall-2005.

Il-Bord saħħaħ ukoll il-politika u l-qafas operattiv ta' l-ETF billi adotta:

- Politika għal servizzi lill-Istati Membri ta' l-UE;
- Proċedura għat-tħejjija ta' l-analiżi u l-evalwazzjoni tar-Rapport ta' Attività Annwali ta' l-ETF għall-2004;
- Is-sħubija fil-Forum ta' Konsulenza ta' l-ETF;
- Il-parteċipazzjoni tal-Kumitat tal-Personal ta' l-ETF bħala osservaturi f'laqgħat futuri tal-Bord Governattiv.

## Lista ta' Membri tal-Bord Governattiv ta' l-ETF fl-2004

| | MEMBRU | SOSTITUT |
|---|---|---|
| **Kummissjoni Ewropea** | Is-Sur Nikolaus van der Pas (President)<br>DĠ Edukazzjoni u Kultura<br>Is-Sur David Lipman<br>DĠ Relazzjonijiet Esterni<br>Is-Sur Dirk Meganck<br>DĠ Tkabbir | |
| **L-Awstrija** | Is-Sur Karl Wieczorek<br>Ministeru Federali għall-Affarijiet Ekonomiċi u x-Xogħol | Is-Sur Reinhard Nöbauer<br>Ministeru Federali għall-Edukazzjoni, Ix-Xjenza u l-Kultura |
| **Il-Belġju** | Is-Sa Micheline Scheys<br>Ministeru tal-Komunità ta' Fjandra | |
| **Ċipru** | Is-Sur Charalambos Constantinou<br>Ministeru ta' l-Edukazzjoni u tal-Kultura | Is-Sur Elias Margadjis<br>Ministeru ta' l-Edukazzjoni u tal-Kultura |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | Is-Sa Helena Úlovcová<br>Istitut Nazzjonali ta' l-Edukazzjoni Teknika u Vokazzjonali | Is-Sur Vojtech Srámek<br>Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Iż-Żgħażagh u l-Isport |
| **Id-Danimarka** | Is-Sur Roland Svarrer Østerlund<br>Ministeru ta' l-Edukazzjoni | Is-Sa Merete Pedersen<br>Ministeru ta' l-Edukazzjoni |
| **L-Estonja** | Is-Sur Thor-Sten Vertmann<br>Ministeru ta' l-Edukazzjoni u tar-Riċerka | Is-Sa Külli All<br>Ministeru ta' l-Edukazzjoni u tar-Riċerka |
| **Il-Finlandja** | Is-Sur Timo Lankinen<br>Ministeru ta' l-Edukazzjoni | Is-Sur Ossi V. Lindqvist<br>Università ta' Kuopio |
| **Franza** | Is-Sur Jean-François Fitou<br>Ministeru ta' l-Impjieg, tax-Xogħol u tal-Koeżoni Soċjali | Is-Sur Jacques Mazeran<br>Ministeru ta' l-Edukazzjoni nazzjonali, tat-Tagħlim avvanzat u tar-Riċerka |

| | MEMBRU | SOSTITUT |
|---|---|---|
| **Il-Ġermanja** | Is-Sur Dietrich Nelle<br>Ministeru Federali ta' l-Edukazzjoni u tar-Riċerka | Is-Sur Klaus Illerhaus<br>Konferenza Permanenti tal-Ministru ta' l-Edukazzjoni u ta' l-Affarijiet Kulturali tal-Länder fir-Republika Federali tal-Ġermanja |
| **Il-Greċja** | Nomina pendenti | |
| **L-Ungerija** | Is-Sur János Jakab<br>Ministeru ta' l-Edukazzjoni | Is-Sur György Szent-Léleky<br>Ministeru ta' l-Impjieg u tax-Xogħol |
| **L-Irlanda** | Is-Sur Padraig Cullinane<br>Dipartiment ta' l-Intrapriża, il-Kummerċ u l-Impjieg | Is-Sa Deirdre O'Higgins<br>Dipartiment ta' l-Intrapriża, il-Kummerċ u l-Impjieg |
| **L-Italja** | Is-Sur Andrea Perugini<br>Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin | Is-Sur Luigi Guidobono Cavalchini<br>UniCredit Private Banking |
| **Il-Latvja** | Is-Sa Lauma Sika<br>Ministeru ta' l-Edukazzjoni u tax-Xjenza | Is-Sa Dita Traidas<br>Aġenzija għal programmi ta' Żvilupp ta' l-Edukazzjoni Vokazzjonali |
| **Il-Litwanja** | Is-Sur Romualdas Pusvaskis<br>Ministeru ta' l-Edukazzjoni u tax-Xjenza | Is-Sa Giedre Beleckiene<br>Ċentru metodiku għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali |
| **Il-Lussemburgu** | Is-Sur Gilbert Engel<br>Ministeru ta' l-Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali | Is-Sa Edith Stein<br>Kamra tal-Kummerċ tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu |
| **Malta** | Is-Sa Cecilia Borg<br>Ministeru ta' l-Edukazzjoni | Is-Sur Anthony Degiovanni<br>Ministeru ta' l-Edukazzjoni |
| **L-Olanda** | Is-Sa C.H.M Julicher<br>Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura u Xjenza | |
| **Il-Polonja** | Is-Sur Jerzy Wisniewski<br>Ministeru ta' l-Edukazzjoni Nazzjonali u l-Isport | Is-Sa Danuta Czarnecka<br>Ministeru ta' l-Edukazzjoni Nazzjonali u l-Isport |

| | MEMBRU | SOSTITUT |
|---|---|---|
| **Il-Portugall** | Is-Sa M. Cândida Medeiros Soares<br>Ministeru għas-Sigurtà Soċjali u x-Xogħol | Is-Sa M.Teresa Martins Paixno<br>Istitut għall-Innovazzjoni fit-Taħriġ |
| **Ir-Replubblika tas-Slovakkja** | Is-Sur Juraj Vantúch<br>Università ta' Comenius | |
| **Is-Slovenja** | Is-Sur Elido Bandelj<br>Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Xjenza u Sport | Is-Sa Jelka Arh<br>Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Xjenza u Sport |
| **Spanja** | Is-Sa María José Muniozguren Lazcano<br>Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura u Sport | Is-Sa Francisca María Arbizu Echávarri<br>Istitut ta' Kwalifiki Nazzjonali |
| **L-Iżvezja** | Is-Sur Erik Henriks<br>Ministeru ta' l-Edukazzjoni u x-Xjenza | Is-Sur Hans-Åke Öström<br>Ministeru ta' l-Edukazzjoni u x-Xjenza |
| **Ir-Renju Unit** | Is-Sa Franki Ord<br>Dipartiment għall-Edukazzjoni u s-Snajja' | |



Ritratt: ETF/A. Ramella

FONDAZZJONI EWROPEA GĦAT-TAĦRIĠ

IL-ĠRAJJIET EWLENIN
IL-FONDAZZJONI EWROPEA GĦAT-TAĦRIĠ FL-2004

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali
tal-Komunitajiet Ewropej

2005 – 44 pp. – 21.0 x 21.0 ċm

ISBN  92-9157-439-2

**Venta Salg Verkauf Πωλήσεις Sales Vente Vendita Verkoop Venda Myynti Försäljning**

**http://eur-op.eu.int/general/en/s-ad.htm**

BELGIQUE/BELGIË

**Jean De Lannoy**

Avenue du Roi 202/Koningslaan 202
B-1190 Bruxelles/Brussel
Tél. (32-2) 538 43 08
Fax (32-2) 538 08 41
E-mail: jean.de.lannoy@infoboard.be
URL: http://www.jean-de-lannoy.be

**La librairie européenne/ De Europese Boekhandel**

Rue de la Loi 244/Wetstraat 244
B-1040 Bruxelles/Brussel
Tél. (32-2) 295 26 39
Fax (32-2) 735 08 60
E-mail: mail@libeurop.be
URL: http://www.libeurop.be

**Moniteur belge/Belgisch Staatsblad**

Rue de Louvain 40-42/Leuvenseweg 40-42
B-1000 Bruxelles/Brussel
Tél. (32-2) 552 22 11
Fax (32-2) 511 01 84
E-mail: eusales@just.fgov.be

DANMARK

**J. H. Schultz Information A/S**

Herstedvang 12
DK-2620 Albertslund
Tlf. (45) 43 63 23 00
Fax (45) 43 63 19 69
E-mail: schultz@schultz.dk
URL: http://www.schultz.dk

DEUTSCHLAND

**Bundesanzeiger Verlag GmbH**

Vertriebsabteilung
Amsterdamer Straße 192
D-50735 Köln
Tel. (49-221) 97 66 80
Fax (49-221) 97 66 82 78
E-Mail: vertrieb@bundesanzeiger.de
URL: http://www.bundesanzeiger.de

ΕΛΛΑΔΑ/GREECE

**G. C. Eleftheroudakis SA**

International Bookstore
Panepistimiou 17
GR-10564 Athina
Tel. (30-1) 331 41 80/1/2/3/4/5
Fax (30-1) 325 84 99
E-mail: elebooks@netor.gr
URL: elebooks@hellasnet.gr

ESPAÑA

**Boletín Oficial del Estado**

Trafalgar, 27
E-28071 Madrid
Tel. (34) 915 38 21 11 (libros)
913 84 17 15 (suscripción)
Fax (34) 915 38 21 21 (libros),
913 84 17 14 (suscripción)
E-mail: clientes@com.boe.es
URL: http://www.boe.es

**Mundi Prensa Libros, SA**

Castelló, 37
E-28001 Madrid
Tel. (34) 914 36 37 00
Fax (34) 915 75 39 98
E-mail: libreria@mundiprensa.es
URL: http://www.mundiprensa.com

FRANCE

**Journal officiel**

Service des publications des CE
26, rue Desaix
F-75727 Paris Cedex 15
Tél. (33) 140 58 77 31
Fax (33) 140 58 77 00
E-mail: europublications@journal-officiel.gouv.fr
URL: http://www.journal-officiel.gouv.fr

IRELAND

**Alan Hanna's Bookshop**

270 Lower Rathmines Road
Dublin 6
Tel. (353-1) 496 73 98
Fax (353-1) 496 02 28
E-mail: hannas@iol.ie

ITALIA

**Licosa SpA**

Via Duca di Calabria, 1/1
Casella postale 552
I-50125 Firenze
Tel. (39) 055 64 83 1
Fax (39) 055 64 12 57
E-mail: licosa@licosa.com
URL: http://www.licosa.com

LUXEMBOURG

**Messageries du livre SARL**

5, rue Raiffeisen
L-2411 Luxembourg
Tél. (352) 40 10 20
Fax (352) 49 06 61
E-mail: mail@mdl.lu
URL: http://www.mdl.lu

NEDERLAND

**SDU Servicecentrum Uitgevers**

Christoffel Plantijnstraat 2
Postbus 20014
2500 EA Den Haag
Tel. (31-70) 378 98 80
Fax (31-70) 378 97 83
E-mail: sdu@sdu.nl
URL: http://www.sdu.nl

PORTUGAL

**Distribuidora de Livros Bertrand Ld.ª**

Grupo Bertrand, SA
Rua das Terras dos Vales, 4-A
Apartado 60037
P-2700 Amadora
Tel. (351) 214 95 87 87
Fax (351) 214 96 02 55
E-mail: dlb@ip.pt

**Imprensa Nacional-Casa da Moeda, SA**

Sector de Publicações Oficiais
Rua da Escola Politécnica, 135
P-1250-100 Lisboa Codex
Tel. (351) 213 94 57 00
Fax (351) 213 94 57 50
E-mail: spoce@incm.pt
URL: http://www.incm.pt

SUOMI/FINLAND

**Akateeminen Kirjakauppa/ Akademiska Bokhandeln**

Keskuskatu 1/Centralgatan 1
PL/PB 128
FIN-00101 Helsinki/Helsingfors
P./tfn (358-9) 121 44 18
F./fax (358-9) 121 44 35
Sähköposti: sps@akateeminen.com
URL: http://www.akateeminen.com

SVERIGE

**BTJ AB**

Traktorvägen 11-13
S-221 82 Lund
Tlf. (46-46) 18 00 00
Fax (46-46) 30 79 47
E-post: btjeu-pub@btj.se
URL: http://www.btj.se

UNITED KINGDOM

**The Stationery Office Ltd**

Customer Services
PO Box 29
Norwich NR3 1GN
Tel. (44) 870 60 05-522
Fax (44) 870 60 05-533
E-mail: book.orders@theso.co.uk
URL: http://www.itsofficial.net

ÍSLAND

**Bokabud Larusar Blöndal**

Skólavördustig, 2
IS-101 Reykjavik
Tel. (354) 552 55 40
Fax (354) 552 55 60
E-mail: bokabud@simnet.is

SCHWEIZ/SUISSE/SVIZZERA

**Euro Info Center Schweiz**

c/o OSEC Business Network Switzerland
Stampfenbachstraße 85
PF 492
CH-8035 Zürich
Tel. (41-1) 365 53 15
Fax (41-1) 365 54 11
E-mail: eics@osec.ch
URL: http://www.osec.ch/eics

BĂLGARIJA

**Europress Euromedia Ltd**

59, blvd Vitosha
BG-1000 Sofia
Tel. (359-2) 980 37 66
Fax (359-2) 980 42 30
E-mail: Milena@mbox.cit.bg
URL: http://www.europress.bg

CYPRUS

**Cyprus Chamber of Commerce and Industry**

PO Box 21455
CY-1509 Nicosia
Tel. (357-2) 88 97 52
Fax (357-2) 66 10 44
E-mail: demetrap@ccci.org.cy

EESTI

**Eesti Kaubandus-Tööstuskoda**

(Estonian Chamber of Commerce and Industry)
Toom-Kooli 17
EE-10130 Tallinn
Tel. (372) 646 02 44
Fax (372) 646 02 45
E-mail: einfo@koda.ee
URL: http://www.koda.ee

HRVATSKA

**Mediatrade Ltd**

Pavla Hatza 1
HR-10000 Zagreb
Tel. (385-1) 481 94 11
Fax (385-1) 481 94 11

MAGYARORSZÁG

**Euro Info Service**

Szt. István krt.12
III emelet 1/A
PO Box 1039
H-1137 Budapest
Tel. (36-1) 329 21 70
Fax (36-1) 349 20 53
E-mail: euroinfo@euroinfo.hu
URL: http://www.euroinfo.hu

MALTA

**Miller Distributors Ltd**

Malta International Airport
PO Box 25
Luqa LQA 05
Tel. (356) 66 44 88
Fax (356) 67 67 99
E-mail: gwirth@usa.net

NORGE

**Swets Blackwell AS**

Hans Nielsen Hauges gt. 39
Boks 4901 Nydalen
N-0423 Oslo
Tel. (47) 23 40 00 00
Fax (47) 23 40 00 01
E-mail: info@no.swetsblackwell.com
URL: http://www.swetsblackwell.com.no

POLSKA

**Ars Polona**

Krakowskie Przedmiescie 7
Skr. pocztowa 1001
PL-00-950 Warszawa
Tel. (48-22) 826 12 01
Fax (48-22) 826 62 40
E-mail: books119@arspolona.com.pl

ROMÂNIA

**Euromedia**

Str.Dionisie Lupu nr. 65, sector 1
RO-70184 Bucuresti
Tel. (40-1) 315 44 03
Fax (40-1) 312 96 46
E-mail: euromedia@mailcity.com

SLOVAKIA

**Centrum VTI SR**

Nám. Slobody, 19
SK-81223 Bratislava
Tel. (421-7) 54 41 83 64
Fax (421-7) 54 41 83 64
E-mail: europ@tbb1.sltk.stuba.sk
URL: http://www.sltk.stuba.sk

SLOVENIJA

**GV Zalozba**

Dunajska cesta 5
SLO-1000 Ljubljana
Tel. (386) 613 09 1804
Fax (386) 613 09 1805
E-mail: europ@gvestnik.si
URL: http://www.gvzalozba.si

TÜRKIYE

**Dünya Infotel AS**

100, Yil Mahallessi 34440
TR-80050 Bagcilar-Istanbul
Tel. (90-212) 629 46 89
Fax (90-212) 629 46 27
E-mail: aktuel.info@dunya.com

ARGENTINA

**World Publications SA**

Av. Cordoba 1877
C1120 AAA Buenos Aires
Tel. (54-11) 48 15 81 56
Fax (54-11) 48 15 81 56
E-mail: wpbooks@infovia.com.ar
URL: http://www.wpbooks.com.ar

AUSTRALIA

**Hunter Publications**

PO Box 404
Abbotsford, Victoria 3067
Tel. (61-3) 94 17 53 61
Fax (61-3) 94 19 71 54
E-mail: jpdavies@ozemail.com.au

BRESIL

**Livraria Camões**

Rua Bittencourt da Silva, 12 C
CEP
20043-900 Rio de Janeiro
Tel. (55-21) 262 47 76
Fax (55-21) 262 47 76
E-mail: livraria.camoes@incm.com.br
URL: http://www.incm.com.br

CANADA

**Les éditions La Liberté Inc.**

3020, chemin Sainte-Foy
Sainte-Foy, Québec G1X 3V6
Tel. (1-418) 658 37 63
Fax (1-800) 567 54 49
E-mail: liberte@mediom.qc.ca

**Renouf Publishing Co. Ltd**

5369 Chemin Canotek Road, Unit 1
Ottawa, Ontario K1J 9J3
Tel. (1-613) 745 26 65
Fax (1-613) 745 76 60
E-mail: order.dept@renoufbooks.com
URL: http://www.renoufbooks.com

EGYPT

**The Middle East Observer**

41 Sherif Street
Cairo
Tel. (20-2) 392 69 19
Fax (20-2) 393 97 32
E-mail: inquiry@meobserver.com
URL: http://www.meobserver.com.eg

MALAYSIA

**EBIC Malaysia**

Suite 45.02, Level 45
Plaza MBf (Letter Box 45)
8 Jalan Yap Kwan Seng
50450 Kuala Lumpur
Tel. (60-3) 21 62 92 98
Fax (60-3) 21 62 61 98
E-mail: ebic@tm.net.my

MÉXICO

**Mundi Prensa México, SA de CV**

Río Pánuco, 141
Colonia Cuauhtémoc
MX-06500 México, DF
Tel. (52-5) 533 56 58
Fax (52-5) 514 67 99
E-mail: 101545.2361@compuserve.com

SOUTH AFRICA

**Eurochamber of Commerce in South Africa**

PO Box 781738
2146 Sandton
Tel. (27-11) 884 39 52
Fax (27-11) 883 55 73
E-mail: info@eurochamber.co.za

SOUTH KOREA

**The European Union Chamber of Commerce in Korea**

5th Fl, The Shilla Hotel
202, Jangchung-dong 2 Ga, Chung-ku
Seoul 100-392
Tel. (82-2) 22 53-5631/4
Fax (82-2) 22 53-5635/6
E-mail: eucck@eucck.org
URL: http://www.eucck.org

SRI LANKA

**EBIC Sri Lanka**

Trans Asia Hotel
115 Sir Chittampalam
A. Gardiner Mawatha
Colombo 2
Tel. (94-1) 074 71 50 78
Fax (94-1) 44 87 79
E-mail: ebicsl@slnet.ik

T'AI-WAN

**Tycoon Information Inc**

PO Box 81-466
105 Taipei
Tel. (886-2) 87 12 88 86
Fax (886-2) 87 12 47 47
E-mail: euitupe@ms21.hinet.net

UNITED STATES OF AMERICA

**Bernan Associates**

4611-F Assembly Drive
Lanham MD 20706-4391
Tel. (1-800) 274 44 47 (toll free telephone)
Fax (1-800) 865 34 50 (toll free fax)
E-mail: query@bernan.com
URL: http://www.bernan.com

ANDERE LÄNDER
OTHER COUNTRIES
AUTRES PAYS

**Bitte wenden Sie sich an ein Büro Ihrer Wahl/Please contact the sales office of your choice/Veuillez vous adresser au bureau de vente de votre choix**

Office for Official Publications of the European Communities
2, rue Mercier
L-2985 Luxembourg
Tel. (352) 29 29-42455
Fax (352) 29 29-42758
E-mail: info-info-opoce@cec.eu.int
URL: publications.eu.int

2/2002

TA-66-05-951-MT-C

Uffiċċju tal- Pubblikazzjonijiet

*Publications.eu.int*

ISBN 92-9157-439-2

9 789291 574391